l-Unjoni Ewropea




# Rapport dwar it-Task Force għas-Sussidjarjetà, għall-Proporzjonalità u "Biex Tagħmel Inqas b'Mod Iktar Effiċjenti"



*Membri tat-Task Force (is-Sur Jaak Madison jieħu post il-membru maħtur, is-Sur Toomas Vitsut. Huwa hu Membru tal-Parlament fl-Estonja u Viċi President tal-Partit Popolari Konservattiv tal-Estonja).*

# Kelmtejn qabel mill-President tat-Task Force




Il-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa stimulat proċess profond ta' riflessjoni dwar l-Ewropa li neħtieġu. Dan se jilħaq il-qofol tiegħu fis-summit tal-Mexxejja li ser isir f'Sibiu f'Mejju 2019. Il-ħidma ta' din it-Task Force għandha titqies bħala parti minn din id-diskussjoni usa' u jien nittama li r-rapport tagħna u r-rakkomandazzjonijiet li hemm fih isibu posthom fir-riflessjonijiet li għaddejjin.

It-Trattati ma jagħtux lill-istituzzjonijiet tal-UE poter bla riżerva sabiex jagħmlu dak li jridu. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma l-għodod prattiċi maħsuba sabiex jiżguraw li l-Unjoni ma tagħmilx dak li l-Istati Membri jew l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jagħmlu aħjar huma stess, kif ukoll sabiex jiffokaw l-azzjonijiet tal-Unjoni fuq fejn tista' tassew iżżid il-valur. Aħna għandna bżonn iż-żewġ prinċipji u jeħtieġ li napplikawhom b'mod attiv, b'mod kollettiv u fl-istess spirtu jekk irriduhom li jaħdmu kif jistennewhom li jagħmlu ċ-ċittadini tagħna.

Illum il-ġurnata, aħna għandna 41 kamra ta' Parlamenti Nazzjonali, 74 assemblea leġiżlattiva reġjonali, madwar 280 reġjun u 80 000 awtorità lokali. Huma kollha involuti direttament fl-applikazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fil-prattika. It-tħassib u l-esperjenza prattika tagħhom għandhom jinstemgħu b'mod aktar sistematiku jekk irridu politiki li jaħdmu filwaqt li jirrispettaw il-karattru u l-identità tan-nazzjonijiet, tar-reġjuni u tal-lokalitajiet tagħna. Nittama li l-għoti ta' fehma aktar sinifikanti dwar kif isiru l-affarijiet jippermetti wkoll lill-Parlamenti nazzjonali tagħna u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex ikunu ambaxxaturi u difensuri aktar effettivi tal-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, dan ir-rapport – sforz kollettiv mill-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Parlamenti nazzjonali u l-Kummissjoni Ewropea – mhuwiex għan fih innifsu. Huwa l-bidu ta' proċess sabiex il-proċeduri tagħna jinfetħu aktar għal-livell lokali u reġjonali u sabiex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni taħdem aħjar għaċ-ċittadini tagħha. Filwaqt li dan ir-rapport huwa indirizzat lill-President Juncker, anki l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Parlamenti nazzjonali, il-Parlamenti reġjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom responsabbiltà li jikkunsidraw ir-rapport tat-Task Force u li jirrispondu għalih.

**Frans Timmermans, il-President tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Nagħmlu Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti". Brussell, l-10 ta' Lulju 2018.**

# Sommarju Eżekuttiv

It-Task Force ltaqgħet seba' darbiet sabiex tiddiskuti t-tliet kompiti ppreżentati mill-President Juncker fid-deċiżjoni tiegħu li tistabbilixxi t-Task Force. Abbażi ta' dawk id-diskussjonijiet, smigħ pubbliku u l-kontribuzzjonijiet ipprovduti minn bosta partijiet ikkonċernati, it-Task Force waslet għal diversi konklużjonijiet wiesgħa u tippreżenta disa' rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rapport, flimkien ma' azzjonijiet konkreti indirizzati lill-Parlamenti nazzjonali, lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u lill-Kummissjoni Ewropea.

It-Task Force kkonkludiet li:

- Jeħtieġ li l-Unjoni tindirizza l-isfidi emerġenti importanti fejn għandha valur miżjud, bħas-sigurtà, id-difiża u l-migrazzjoni, u li tintensifika l-azzjonijiet tagħha f'oqsma oħrajn bħat-tibdil fil-klima u l-innovazzjoni. Minħabba li dan għandu jsir fi sfond ta' riżorsi limitati, hemm ħtieġa ċara fil-livell Ewropew li ssir riflessjoni fuq kif għandhom jiġu prijoritizzati l-attivitajiet u kif ir-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod aktar effiċjenti.

- Dak li huwa meħtieġ huwa mod ġdid ta' ħidma sabiex jittejbu l-proċessi attwali tat-tfassil tal-politika u sabiex l-Unjoni tkun tista' tuża r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti. Dan jippermetti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lill-Parlamenti nazzjonali jikkontribwixxu b'mod aktar effettiv għat-tfassil tal-politika, għat-tfassil ta' leġiżlazzjoni (ġdida) u għall-iżgurar tar-rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

- Dan il-mod ġdid ta' ħidma jirrikjedi fehim komuni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u parteċipazzjoni akbar tal-partijiet ikkonċernati kollha u, b'mod partikolari, tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, li spiss ikollhom irwol speċifiku fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-prattika. Tali "sussidjarjetà attiva" għandha tippromwovi sjieda u fehim akbar ta' dak li tagħmel l-Unjoni minn dawk involuti.

- Għandu jintuża mudell ta' grilja sabiex matul il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jiġu vvalutati b'mod aktar konsistenti mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Parlamenti nazzjonali u reġjonali, mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

- Il-metodu ta' ħidma ġdid għandu jiġi applikat għall-korp eżistenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għal inizjattivi politiċi ġodda u l-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi proċess sabiex tagħmel dan billi tibni fuq l-esperjenza eżistenti tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. It-Task Force ddeċidiet li tenfasizza l-kontribut minn bosta partijiet ikkonċernati bħala mod ta' kif tibda riflessjoni aktar rigoruża fuq liema biċċiet ta' leġiżlazzjoni jistgħu jkunu rilevanti għal evalwazzjoni mill-perspettivi tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u d-densità leġiżlattiva, bil-possibbiltà li tirrevedi jew tirrevoka l-leġiżlazzjoni jekk u meta jkun xieraq.

- Hemm valur miżjud tal-UE fl-oqsma ta' attività kollha eżistenti u, għalhekk, it-Task Force ma identifikat ebda kompetenza jew qasam ta' politika tat-Trattat li għandhom jiġu ddelegati mill-ġdid b'mod definittiv, kompletament jew parzjalment, lill-Istati Membri.

- Jenħtieġ li l-ħidma tat-Task Force titmexxa 'l quddiem mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha identifikati hawn fuq. L-ewwel passi ser ikunu s-segwitu fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni f'Settembru 2018, il-konferenza tal-Presidenza Awstrijaka fi Bregenz f'Novembru u s-Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet f'Bucharest f'Marzu 2019. Ir-rapport tat-Task Force għandu jipprovdi bażi soda għal aktar diskussjoni dwar kif jiġu implimentati l-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dan ir-rapport.



# Werrej


1. Talba tal-President Juncker 6

2. Riflessjonijiet ewlenin: Mod ġdid ta' ħidma 7

3. Il-ħidma tat-Task Force 10

3.1. Fehim aħjar tas-sussidjarjetà u kif għandha tiġi indirizzata l-proporzjonalità 10

3.2. Il-Parlamenti Nazzjonali u kontroll aktar effettiv tas-sussidjarjetà 12

3.3. Involviment aħjar tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fit-tfassil tal-politika 14

3.3.1. L-approċċ tal-Kummissjoni għall-konsultazzjoni u l-involviment mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-attivitajiet u l-programm ta' ħidma tagħha 14

3.3.2. Il-valutazzjonijiet tal-impatt, il-proposti u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni 16

3.4. Il-proċedura leġiżlattiva 17

3.5. Naġixxu b'mod aktar effiċjenti 19

3.5.1. L-evalwazzjoni u t-titjib tal-leġiżlazzjoni eżistenti 19

3.5.2. Enfasi akbar fuq leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni aħjar 21

Anness I Il-membri tat-Task Force 22

Anness II L-operat tat-Task Force u l-kontribuzzjonijiet tal-Partijiet Ikkonċernati 23

Anness III L-isfond Ġuridiku u ta' politika għall-ħidma tat-Task Force 27

Anness IV Dokumenti ewlenin mill-membri tat-Task Force 31

Anness V Valutazzjoni komuni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità 32

Anness VI Kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li jissuġġerixxu li jsir rieżami tal-leġiżlazzjoni u tal-proposti 35

# 1. Talba tal-President Juncker

Wara d-dikjarazzjoni f'Ruma fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tal-Unjoni Ewropea, il-President Juncker nieda dibattitu pubbliku dwar il-ġejjieni tal-Ewropa. Id-dokument tal-Kummissjoni White Paper dwar il-ġejjieni tal-Ewropa[1] jistabbilixxi l-mogħdijiet possibbli għall-Unjoni futura ta' 27 Stat Membru. Il-White paper toffri ħames xenarji illustrattivi għal kif tista' tevolvi l-Unjoni, skont l-għażliet magħmula mingħajr ma tiġi espressa preferenza partikolari.

Il-Kummissjoni kienet ċara li l-ebda wieħed minn dawn ix-xenarji ma jirrappreżenta pjan dettaljat għall-ġejjieni tal-Ewropa u li l-eżitu finali bla dubju se jkun differenti minn kwalunkwe xenarju individwali. Fl-Ittra ta' Intenzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2017[2], il-President Juncker diġà ppreżenta Pjan Direzzjonali għall-Unjoni (Xenarju 6) abbażi tat-tliet prinċipji li jridu jorbtu lill-Unjoni – il-libertà, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li x-xenarji kollha jiġu esplorati bis-sħiħ, il-President ħabbar ukoll, fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni fit-12 ta' Settembru, il-ħolqien ta' Task Force dwar ix-Xenarju 4 – *"Nagħmlu Inqas b'mod Aktar Effiċjenti"*[3]. *F'dan ix-xenarju, l-Unjoni għandha tiffoka l-attenzjoni u r-riżorsi limitati tagħha fuq numru mnaqqas ta' oqsma sabiex tkun tista' taġixxi malajr u b'mod deċiżiv f'dawn l-oqsma ta' prijorità magħżula.*

*It-Task Force nnifisha ġiet stabbilita formalment fl-14 ta' Novembru 2017*[4] *taħt il-presidenza tal-Ewwel Viċi President Frans Timmermans u kienet tinkludi tliet membri mill-Parlamenti nazzjonali tal-Awstrija, tal-Bulgarija u tal-Estonja u tliet membri mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni. Il-Parlament Ewropew ġie mistieden ukoll sabiex jinnomina tliet membri iżda ma għamilx dan*[5]. L-informazzjoni dwar is-seba' membri tat-Task Force tinstab fl-Anness I.

Il-membri tat-Task Force nħatru f'kapaċità personali. Bħala tali, huma ma rrappreżentawx il-pożizzjonijiet jew il-fehmiet ta' xi korp jew istituzzjoni partikolari fir-rigward tal-ħidma tat-Task Force. Il-Membri kienu liberi li jikkontribwixxu għall-aspetti kollha tal-mandat tat-Task Force u mhux biss fuq dawk il-kwistjonijiet ta' rilevanza diretta għall-istituzzjonijiet fejn jaħdmu.

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-President li stabbilixxiet it-Task Force stabbilixxa t-tliet kompiti (a) sa (c) liema kompiti t-Task Force ntalbet tindirizza fil-ħidma tagħha:

(a) Kif jiġu applikati aħjar il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fil-ħidma tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, speċjalment rigward it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-Unjoni.

(b) L-identifikazzjoni ta' kull qasam ta' politika fejn, matul iż-żmien, it-teħid tad-deċiżjonijiet u/jew l-implimentazzjoni jistgħu jiġu ddelegati mill-ġdid, kompletament jew parzjalment, jew jiġu rritornati b'mod definittiv lill-Istati Membri.

(c) L-identifikazzjoni ta' mezzi biex jiġu involuti aħjar l-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u s-segwitu tal-politiki tal-Unjoni.

It-Task Force ntalbet tippreżenta s-sejbiet tagħha lill-President tal-Kummissjoni Ewropea sal-15 ta' Lulju 2018. Hija ħadmet b'mod trasparenti u rċeviet kontribuzzjonijiet mis-soċjetà ċivili permezz tas-sit web iddedikat tagħha, li kkontribwixxew b'mod sinifikanti għar-riflessjonijiet tagħha[6]. Hija żammet ukoll lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej informati bil-ħidma tagħha. It-Task Force organizzat ukoll smigħ pubbliku sabiex tisma' l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati ewlenin[7]. L-Anness II jiddeskrivi kif ħadmet it-Task Force u l-kontribuzzjonijiet li rċeviet mingħand iċ-ċittadini u partijiet oħrajn tas-soċjetà ċivili.

Il-bqija ta' dan ir-rapport jippreżenta l-ħidma tat-Task Force li għandha titqies fl-isfond tal-oqfsa ġuridiċi u ta' politika attwali li jirregolaw it-tħaddim tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-Unjoni. Aktar dettall dwar dan huwa ppreżentat fl-Anness III.

1 https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/white_paper_on_the_future_of_europe_en.pdf

2 https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/letter-of-intent-2017_mt.pdf

3 http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-17-3165_mt.htm: Segwita mill-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni COM(2017) 650 tal-24.10. 2017: "*Billi nkomplu niżviluppaw fuq il-ħidma li diġà għamlet din il-Kummissjoni, għandna nkomplu naħdmu bil-qawwi fuq il-ħwejjeġ il-kbar. Dan ma jfissirx li nirregolaw kull aspett tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Irridu nirriflettu b'mod serju fuq li naħdmu anqas billi nkunu aktar effiċjenti u nagħtu lura kompetenzi lill-Istati Membri fejn jagħmel sens li jsir dan.*" https://ec.europa.eu/info/publications/2018-commission-work-programme-key-documents_mt

4 C(2017) 7810. https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2017-c-7810-president-decision_en_1.pdf

5 PV CPG: 11.01/2018; PE-8/CPG/PV/2018-01: http://www.europarl.europa.eu/RegistreWeb/search/simple.htm?leg=&year=&lg=&eurovoc=&currentPage=1&sortAndOrderBy=&fulltext=&reference=&relValue=&codeTypeDocu=CPGPPV&datepickerStart=&datepickerEnd=&auteur=&code_auteur=&autInstDesc=&autInst

6 https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_en

7 https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently/28-may-hearing_en

# 2. Riflessjonijiet ewlenin: Mod ġdid ta' ħidma

Matul il-ħidma tagħha, it-Task Force waslet għal ħames konklużjonijiet wiesgħa li huma riflessi fir-rakkomandazzjonijiet tagħha.

L-ewwel nett, it-Task Force rrikonoxxiet bis-sħiħ il-ħtieġa għal aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex tindirizza l-isfidi emerġenti importanti fejn għandha valur miżjud, bħas-sigurtà, id-difiża u l-migrazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa li l-Unjoni tintensifika l-azzjonijiet tagħha f'oqsma oħrajn bħat-tibdil fil-klima u l-innovazzjoni. Minħabba li dan għandu jsir fi sfond ta' riżorsi limitati, hemm ħtieġa ċara fil-livell Ewropew li ssir riflessjoni fuq il-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet u fuq l-użu tar-riżorsi disponibbli b'mod aktar effiċjenti.

It-tieni nett, it-Task Force kkonkludiet li – wisq aktar milli jiġu identifikati l-oqsma li għandhom jiġu ddelegati mill-ġdid lill-Istati Membri – huwa essenzjali li jiġu rrimedjati d-dgħufijiet fil-proċessi attwali tat-tfassil tal-politika. Problema ewlenija b'dawn il-proċessi hija l-involviment insuffiċjenti tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali u, bħala riżultat, nuqqas ta' sjieda tal-politiki tal-UE. It-Task Force temmen li hemm bżonn ta' mod ġdid ta' ħidma sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet u l-istrumenti ta' politika tal-UE jkomplu jipprovdu valur miżjud ċar tal-UE, ikunu proporzjonati u artikolati b'mod korrett bl-azzjonijiet li huma wkoll meħtieġa fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Dan il-mod ġdid ta' ħidma huwa bbażat fuq fehim komuni aħjar tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u parteċipazzjoni mtejba tal-Parlamenti nazzjonali u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki, f'konformità mal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli. Dan għandu jgħinna niżviluppaw "sussidjarjetà aktar attiva" sabiex niżguraw li jkun hemm apprezzament u aċċettazzjoni aħjar ta' għaliex il-politiki huma implimentati fil-livell tal-UE u, fl-aħħar mill-aħħar, sjieda akbar ta' dawk il-politiki fil-livelli kollha ta' governanza. Ħafna mill-74 assemblea reġjonali tal-Unjoni b'responsabbiltajiet leġiżlattivi, madwar 280 reġjun[8] u 80,000 awtorità muniċipali huma direttament involuti fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-għarfien u l-esperjenza tagħhom iridu jintużaw b'mod aktar attiv meta tkun qed titfassal il-leġiżlazzjoni. Billi jkunu involuti aktar mill-qrib fil-proċessi tat-tfassil tal-politika, dawn l-atturi ser ikunu jistgħu jispjegaw aħjar x'tagħmel l-Unjoni u għaliex.

It-tielet nett, il-fehim komuni aħjar tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u applikazzjoni aktar strutturata u konsistenti tagħhom matul il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jistgħu jgħinu sabiex jitnaqqas xi ftit mit-tħassib u l-frustrazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-fehma li l-Unjoni qed tagħmel iżżejjed. It-Task Force hija tal-fehma li l-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà mhux biss iridu jsiru, iżda wkoll iridu 'jidhru li qegħdin isiru'. Fil-biċċa l-kbira, dan jista' jsir billi l-mekkaniżmi u l-għodod attwali jiġu sfruttati b'mod aktar sħiħ u billi jingħataw spjegazzjonijiet aħjar u aktar viżibbli tal-valur miżjud tal-azzjonijiet tal-Unjoni f'termini li jistgħu jinftiehmu faċilment. It-Task Force tirrikonoxxi li l-Kummissjoni diġà tippreżenta analiżijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità b'appoġġ għall-proposti leġiżlattivi tagħha, kif ukoll ir-rwol distint tal-Parlamenti nazzjonali fil-verifika tal-konformità tal-proposti leġiżlattivi ġodda mal-prinċipju tas-sussidjarjetà[9]. Madankollu, l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità hija responsabbiltà kondiviża tal-atturi rilevanti kollha - il-Parlamenti nazzjonali, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Kummissjoni Ewropea. It-Task Force tinnota li għad ma hemmx ebda definizzjoni preċiża ta' sussidjarjetà fit-Trattati wara r-reviżjoni tal-protokoll rilevanti tat-Trattat ta' Amsterdam. Għalhekk, hija favur approċċ prammatiku u kondiviż għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità bl-użu ta' grilja ta' valutazzjoni komuni maħsuba biex trawwem fehim komuni u toħloq applikazzjoni aktar effettiva ta' dawn il-prinċipji mill-korpi u l-istituzzjonijiet kollha fit-tħejjija ta' leġiżlazzjoni ġdida.

Ir-raba' nett, it-Task Force kienet tal-fehma li l-leġiżlazzjoni tal-UE f'xi oqsma setgħet saret "densa" jew kumplessa żżejjed. Fil-każ tad-direttivi, din ma għadhiex tħalli spazju suffiċjenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet f'livelli oħrajn, jew flessibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali. It-Task Force kienet konxja li hemm għadd ta' raġunijiet għaliex dan jista' jkun il-każ, inklużi nuqqas ta' fiduċja biżżejjed bejn l-Istati Membri nfushom u bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan jikkontribwixxi wkoll għad-dipendenza mnaqqsa fuq ir-rikonoxximent reċiproku ta' approċċi nazzjonali differenti bħala għodda politika effettiva[10]. It-Task Force kienet konxja wkoll mill-fatt li hemm kompromessi importanti. Leġiżlazzjoni pjuttost preskrittiva, bi flessibbiltà limitata mhux biss għall-awtoritajiet lokali u reġjonali iżda anki għan-negozji, tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern. Pereżempju, l-aderenza mar-regoli stretti tal-kontabbiltà għan-nefqa magħmula taħt il-programmi ta' nfiq tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe tentattiv sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tad-densità regolatorja permezz tal-emendar tal-leġiżlazzjoni għandu jiġi kkalibrat bir-reqqa u mwettaq f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, inklużi konsultazzjoni ma' dawk affettwati u evalwazzjoni tajba sabiex jiġi żgurat li l-kwistjonijiet jinftiehmu b'mod korrett[11]. Għalhekk, it-Task Force tirrakkomanda li l-Kummissjoni timplimenta proċess sabiex tmexxi tali eżerċizzju 'l quddiem, possibbilment billi tibni fuq il-programm REFIT eżistenti tal-Kummissjoni bil-għan li tissimplifika l-leġiżlazzjoni u tnaqqas il-piżijiet regolatorji bla bżonn. Sabiex tagħti bidu għar-riflessjonijiet dwar dan il-proċess, it-Task Force tenfasizza s-suġġerimenti għal tali evalwazzjoni li ġew identifikati mill-membri tat-Task Force u mis-sottomissjonijiet lit-Task Force minn diversi partijiet ikkonċernati. Fl-aħħar mill-aħħar, dan jista' jwassal għar-reviżjoni jew it-tħassir ta' leġiżlazzjoni eżistenti, fejn xieraq. Madankollu, wara li eżaminat il-kwistjoni, it-Task Force waslet għall-konklużjoni li hemm valur miżjud tal-UE fl-oqsma ta' attività eżistenti kollha u għalhekk ma identifikat l-ebda kompetenza jew qasam ta' politika li għandhom jiġu ddelegati b'mod definittiv, kompletament jew parzjalment, lill-Istati Membri. Bħala tali, it-Task Force ma taħsibx li dan l-aspett tax-Xenarju 4 tal-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa huwa l-aktar pass xieraq 'il quddiem.

Fl-aħħar nett, it-Task Force temmen li s-sejbiet tagħha ma għandhomx ikunu t-tmiem ta' proċess, iżda pjuttost il-bidu ta' involviment aktar attiv, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, mill-istituzzjonijiet kollha tal-UE, u mill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, li jibnu fuq, u jmexxu 'l quddiem, ir-rakkomandazzjonijiet u l-azzjonijiet tat-Task Force ppreżentati f'dan ir-rapport. Hija tistenna bil-ħerqa r-reazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea u aktar riflessjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet waqt il-konferenza tal-Presidenza Awstrijaka fi Bregenz f'Novembru 2018 u fis-Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet f'Bukarest f'Marzu 2019.

---

[8] Eurostat: 281 reġjun ta' "NUTS 2" mill-1 ta' Jannar 2018: http://ec.europa.eu/eurostat/web/nuts/background

[9] Protokoll Nru. 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

[10] Ara l-minuti tal-laqgħa tat-Task Force tal-15 ta' Marzu 2018: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/tf-minutes-meeting-15-march-2018.pdf

[11] https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/planning-and-proposing-law/better-regulation-why-and-how_mt

Ħarsa ġenerali skematika lejn il-mod ġdid ta' ħidma

Impenn aktar attiv bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex isawru l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni wara l-Ittra ta' Intenzjoni.

Fehim aħjar tal-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Evalwazzjonijiet aħjar minn aktar monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni tal-UE.




Il-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi jqisu l-prinċipju ta' governanza f'diversi livelli u jqisu d-densità leġiżlattiva xierqa għall-implimentazzjoni effiċjenti.

Ippjanar aħjar tal-implimentazzjoni nazzjonali u mill-UE.

Il-koleġiżlaturi jirriflettu aħjar it-tħassib tal-Parlamenti nazzjonali u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-sussidjarjetà u fil-proporzjonalità.

Promozzjoni tal-opportunitajiet tal-Parlamenti nazzjonali u tal-awtoritajiet lokali u reġjonal biex jipparteċipaw minn stadju bikri fit-tiswir ta' inizjattivi ġodda u jindikaw it-tħassib tagħhom.

Involviment aħjar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali b'rikonoxximent tar-rwol distint tagħhom fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Kunsiderazzjoni tal-impatti territorjali.




Valutazzjoni komuni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Jitqiesu aħjar il-fehmiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u d-densità leġiżlattiva.

Kontroll iktar effettiv mill-Parlamenti nazzjonali (aktar ħin, koordinazzjoni aħjar u qsim ta' informazzjoni).

# 3. Il-ħidma tat-Task Force

It-Task Force ddiskutiet it-tliet kompiti (a), (b) u (c) tal-mandat tal-President Juncker fil-laqgħat tagħha u qed tippreżenta hawn taħt ir-riżultati tal-ħidma tagħha skont il-fażijiet varji tal-proċess tat-tfassil tal-politika li jibda bil-ħtieġa għal approċċ komuni sabiex jiġu vvalutati s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

## 3.1. Fehim aħjar tas-sussidjarjetà u kif għandha tiġi indirizzata l-proporzjonalità

It-Task Force tinnota li ma hemm ebda gwida komuni dwar kif għandha tiġi vvalutata s-sustanza tal-abbozz ta' atti leġiżlattivi jew politiki u programmi oħrajn fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-Kummissjoni pproduċiet il-gwida dettaljata tagħha stess u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni juża "grilja" tas-sussidjarjetà sabiex isservi bħala gwida għall-valutazzjonijiet tiegħu. Kull Parlament nazzjonali għandu l-approċċ tiegħu għat-twettiq ta' din il-valutazzjoni.

Konsegwenza waħda ta' dan hija li l-Parlamenti nazzjonali ta' spiss iqajmu kwistjonijiet fl-opinjonijiet motivati tagħhom li jmorru lil hinn minn dak li jipprevedi l-Protokoll Nru. 2[12], u għalhekk l-opinjonijiet ikunu jirriflettu l-preferenzi ta' politika differenti minflok apprezzament tas-sussidjarjetà. Meta dawn l-opinjonijiet ma jkunux jistgħu jiġu segwiti, dan jista' jkun sors ta' nuqqas ta' ftehim u frustrazzjoni. Fl-istess ħin, in-nuqqas ta' approċċ ċar għas-sussidjarjetà fil-proċess leġiżlattiv joħloq l-impressjoni – possibbilment żbaljata – li l-kwistjoni mhijiex indirizzata b'mod sodisfaċenti. Bl-istess mod, filwaqt li l-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà stipulat fil-Protokoll Nru. 2 huwa integrat fir-regoli ta' proċedura tal-Parlament Ewropew (ir-Regola 42[13]) u tal-Kunsill (l-Artikolu 19[14]), u filwaqt li l-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet jenfasizza l-importanza tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, it-Task Force ma kienet konxja tal-ebda dispożizzjoni proċedurali dwar kif il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jindirizzaw iż-żewġ prinċipji fil-ħidma leġiżlattiva tagħhom.

It-Task Force hija konvinta li mudell ta' grilja tal-valutazzjoni jista' jġib miegħu viżibbiltà u koerenza akbar għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u, fl-aħħar mill-aħħar, jiffaċilita fehim komuni aħjar tal-kunċett minn dawk kollha involuti fil-valutazzjoni ta' dawn il-prinċipji bħala parti mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan, ovvjament, ma jwaqqafhomx milli jqajmu tħassib ieħor barra minn dawk koperti mill-mudell tal-grilja għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Hija tal-fehma li dan l-approċċ għandu jenfasizza l-kunċett tal-valur miżjud Ewropew, li huwa l-fattur ewlieni li jiddetermina jekk l-Unjoni għandhiex taġixxi, u huwa wkoll kunċett li jinftiehem b'mod aktar faċli mill-pubbliku ġenerali. Il-valutazzjoni tista' tkun utli wkoll għall-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fir-rigward ta' kwalunkwe kawża rreferuta lill-Qorti. It-Task Force tipproponi mudell ta' grilja ta' valutazzjoni tas-sussidjarjetà (fl-Anness V) li jista' jintuża bħala bażi għal aktar diskussjoni fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Parlamenti reġjonali u nazzjonali[15]. Fuq perjodu ta' żmien itwal, tista' tiġi inkorporata grilja ta' valutazzjoni komuni miftiehma f'reviżjoni futura tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet sabiex tiġi pprovduta bażi aktar strutturata għall-użu tagħha mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea.

[12] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A12008E%2FPRO%2F02

[13] http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+RULES-EP+20170116+TOC+DOC+XML+V0//EN&language=MT

[14] http://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/publications/council-rules-procedure-comments/

[15] Meta f'dan ir-rapport issir referenza għal "Parlamenti reġjonali", dan jinkludi l-Parlamenti reġjonali u l-assemblej reġjonali kollha fl-Istati Membri. Meta ssir referenza speċifikament għall-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fit-tifsira tal-Protokoll Nru. 2 għat-Trattati, din tiġi indikata b'mod ċar.

## Rakkomandazzjoni 1 tat-Task Force

Għandu jintuża metodu komuni ("grilja ta' valutazzjoni") mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni u mill-parlamenti reġjonali u nazzjonali sabiex jivvalutaw il-kwistjonijiet marbuta mal-prinċipji tas-sussidjarjetà (inkluż il-valur miżjud tal-UE), il-proporzjonalità u l-bażi ġuridika tal-leġiżlazzjoni ġdida u eżistenti.

Dan il-metodu ta' valutazzjoni għandu jinkorpora l-kriterji li jinsabu fil-Protokoll dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità oriġinarjament mehmuż mat-Trattat ta' Amsterdam u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Qed jiġi anness ma' dan ir-rapport mudell propost ta' grilja ta' valutazzjoni.

Matul il-proċess leġiżlattiv, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jeżaminaw sistematikament is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni u l-emendi li jagħmlu bl-użu tal-metodu komuni. Huma għandhom iqisu bis-sħiħ il-valutazzjoni tal-Kummissjoni ppreżentata fil-proposti tagħha, kif ukoll l-opinjonijiet (motivati) tal-Parlamenti nazzjonali u tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

It-Task Force tqis li r-rakkomandazzjoni tista' tiġi implimentata permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-koleġiżlaturi, il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jiddiskutu aktar il-mudell tal-grilja bil-għan li jippromwovu fehim aħjar u approċċ komuni għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

- Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Linji Gwida tagħha dwar Regolamentazzjoni Aħjar sabiex ikunu jirriflettu l-grilja ta' valutazzjoni miftiehma għas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Hija għandha tuża l-grilja sabiex tippreżenta l-valutazzjonijiet tagħha tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità b'mod aktar espliċitu fil-valutazzjoni tal-impatt u/jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni f'konformità mal-paragrafu 25 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u mal-Protokoll Nru. 2 tat-Trattati.

- Il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali, meta jużaw il-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà, u l-koleġiżlaturi matul il-proċedura leġiżlattiva, għandhom jużaw il-grilja bħala bażi sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

- L-istituzzjonijiet u l-korpi konsultattivi tal-UE għandhom jenfasizzaw il-valur miżjud Ewropew tal-inizjattivi tal-UE u jikkomunikaw aħjar dan l-aspett liċ-ċittadini.

## 3.2. Il-Parlamenti Nazzjonali u kontroll aktar effettiv tas-sussidjarjetà

Il-Parlamenti nazzjonali għandhom rwol ċentrali fl-iżgurar tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u għandhom ukoll kontribut pożittiv x'jagħmlu fuq is-sustanza tal-leġiżlazzjoni ġdida. Il-valutazzjoni tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali tħares lejn is-sustanza tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni. Din tgħin sabiex tiġi stabbilita l-leġittimità demokratika tal-Unjoni. Bejn l-2010 u l-aħħar tal-2017 kien hemm 409 opinjonijiet motivati li kienu jirrappreżentaw 582 vot mill-Parlamenti nazzjonali taħt il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà. Sa issa kien hemm tliet proċeduri ta' "karta safra" u ma kien hemm ebda karta oranġjo. It-Task Force nnotat li dan huwa qasam kumpless u kkunsidrat xi titjib li jista' jiġi implimentat fis-sistema attwali, kif ukoll għadd ta' kwistjonijiet li jkunu jeħtieġu bidliet fit-Trattat.

Diversi membri tat-Task Force kienu tal-fehma li l-għadd baxx ta' proċeduri ta' karta safra li ġew skattati juri li l-mekkaniżmu ta' kontroll attwali huwa ineffettiv u għalhekk jappoġġja li jitnaqqsu l-limiti stabbiliti, u dan jkun jirrikjedi bidla fit-Trattat. It-Task Force ddiskutiet il-kwistjoni u nnotat li ma kienx ċar li t-tnaqqis tal-limitu stabbilit attwali ta' "karti sofor" minn terz għal kwart tal-voti disponibbli ser ikollu ħafna effett fuq l-għadd ta' karti sofor skattati, jekk wieħed jassumi parteċipazzjoni simili fil-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali bħal dik li hemm bħalissa. Huwa meħtieġ limitu stabbilit sostanzjalment aktar baxx minn kwart sabiex jiżdied b'mod sinifikanti l-għadd ta' proċeduri ta' karti sofor,[16] iżda dan iqajjem tħassib dwar ir-rappreżentattività tat-tħassib espress. Madankollu, filwaqt li tissottolinja l-importanza ta' djalogu politiku serju li jsaħħaħ il-leġittimità tal-proċess leġiżlattiv, it-Task Force tistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li dejjem tipprovdi rispons pubbliku f'waqtu u komprensiv għall-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali, anki meta ma tiġix skattata proċedura ta' karta safra skont ir-regoli attwali.

Diversi Membri qajmu wkoll il-kwistjoni ta' "karta ħamra" (veto) għall-Parlamenti nazzjonali, li tkun tirrikjedi bidla fit-Trattat, u t-Task Force semgħet fehmiet li dan jista' jkollu konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba li attwalment ma hemmx fehim komuni tat-tifsira u tal-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà mill-Parlamenti nazzjonali. Min-naħa l-oħra, it-Task Force ħadet nota tax-xewqa tal-Parlamenti nazzjonali li jenfasizzaw ukoll il-kontribuzzjoni pożittiva li jistgħu jagħmlu għall-proċess Ewropew billi jkollhom mekkaniżmu li jippermettilhom jipproponu lill-Kummissjoni sabiex tieħu azzjoni – "karta ħadra" Proċess formali ta' dan it-tip ikun jirrikjedi bidla fit-Trattat u jkollu impatt fuq id-dritt tal-Kummissjoni li tagħti bidu għal-leġiżlazzjoni u fuq ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Madankollu, it-Task Force kienet tal-fehma li diġà hemm ambitu wiesa' għall-Parlamenti nazzjonali sabiex isaħħu l-koordinazzjoni bejniethom bil-għan li jiżguraw li jkollhom vuċi effettiva u biżżejjed massa kritika politika sabiex jinstemgħu. Hija tħeġġiġhom sabiex jagħmlu dan u tħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tirrispondi b'mod xieraq għal kwalunkwe inizjattiva bħal din.

Kwistjoni sensittiva tirrigwarda ż-żmien li għandhom il-Parlamenti nazzjonali sabiex iħejju l-opinjonijiet motivati tagħhom u jikkonsultaw fl-Istati Membri tagħhom stess, b'mod partikolari jekk hemm Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi. Minħabba li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill joqogħdu lura milli jaġixxu fil-perjodu waqt li l-Parlamenti nazzjonali jippreżentaw l-opinjonijiet motivati tagħhom, jeħtieġ li l-perjodu jiġi kkalibrat bir-reqqa. Diversi membri ħassew li l-perjodu attwali ta' 8 ġimgħat għandu jiġi estiż għal 12-il ġimgħa, filwaqt li t-Task Force nnotat li l-Kunsill Ewropew kien ikkunsidra li jagħmel dan fil-passat[17]. Fin-nuqqas tal-bidla fit-Trattat li dan ikun jirrikjedi, it-Task Force hija tal-fehma li l-Kummissjoni tista' tipprovdi flessibbiltà akbar lill-Parlamenti nazzjonali sabiex iħejju l-opinjonijiet motivati tagħhom. Tali flessibbiltà, flimkien mal-konsistenza akbar mistennija fil-valutazzjonijiet tas-sussidjarjetà bbażati fuq grilja komuni, kondiviżjoni aħjar tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni bejn il-Parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, jistgħu jnaqqsu l-ħtieġa perċepita li jitbaxxew il-limiti stabbiliti li jiskattaw il-proċeduri ta' karti sofor u karti oranġjo.

It-Task Force ddiskutiet ukoll il-fatt li l-Parlamenti nazzjonali ta' spiss imorru lil hinn mill-kwistjonijiet tas-sussidjarjetà fl-opinjonijiet motivati tagħhom, li jwassal għal nuqqas ta' ftehim u frustrazzjonijiet meta ma jkun jista' jingħata ebda segwitu fuq dawn il-punti. Filwaqt li l-użu ta' grilja komuni tas-sussidjarjetà bħala bażi għall-opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali jista' jgħin sabiex jiġi evitat dan in-nuqqas ta' ftehim, xi Membri tat-Task Force kienu tal-fehma li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll u tal-opinjonijiet motivati għandu jiġi estiż sabiex ikopri wkoll il-proporzjonalità u l-konferiment (bażi ġuridika).

Fl-aħħar nett, it-Task Force tikkunsidra li hemm bżonn ta' koordinazzjoni u kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni dwar l-opinjonijiet motivati bejn il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali b'setgħat leġiżlattivi u awtoritajiet lokali u reġjonali oħrajn. Pereżempju, il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali għandhom pjattaformi separati għall-iskambju tal-informazzjoni, filwaqt li r-risposti tal-Kummissjoni għal opinjonijiet motivati huma disponibbli kemm fuq il-pjattaforma interparlamentari, kif ukoll fuq is-sit web tal-Kummissjoni. Fejn xieraq, il-Parlamenti nazzjonali għandhom jikkonsultaw mal-Parlamenti reġjonali fil-kuntest tal-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà. Il-bidliet formali fir-rwoli u l-interazzjoni bejn il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali jkunu jirrikjedu bidliet fit-Trattati u għandhom jiġu kkunsidrati fuq perjodu ta' żmien itwal. Madankollu, fi ħdan il-limitazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet attwali tat-Trattat, djalogu aktar strutturat iżda informali jista' jiżgura li l-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi jiġu involuti b'mod aktar effettiv.

[16] Dokument ta' diskussjoni Nru. 3: L-applikazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tal-istituzzjonijiet. https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/5-3-2018-2018-tf-discussion-paper-no3-institutional-work_en.pdf

[17] §3 tat-taqsima Ċ (Sovranità) tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Frar 2016: https://www.consilium.europa.eu/media/21787/0216-euco-conclusions.pdf

## Rakkomandazzjoni 2 tat-Task Force

Il-Kummissjoni għandha tapplika b'mod flessibbli l-iskadenza ta' 8 ġimgħat ibbażata fuq it-Trattat li matulhom il-Parlamenti nazzjonali jistgħu jressqu l-opinjonijiet motivati tagħhom.

Din il-flessibbiltà għandha tqis il-perjodi ta' btala komuni u l-perjodi tal-vaganzi, filwaqt li tippermetti lill-Kummissjoni twieġeb kemm jista' jkun fi żmien 8 ġimgħat minn meta tirċievi kull opinjoni.

Il-Kummissjoni għandha tirrifletti b'mod xieraq fuq l-opinjonijiet motivati li tirċievi mill-Parlamenti nazzjonali u fuq ir-rispons li tirċievi mill-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fir-rapport annwali tagħha dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Hija għandha tagħmel ukoll disponibbli għall-koleġiżlaturi, b'mod komprensiv u f'waqtu, informazzjoni dwar proposti fejn ikun tqajjem tħassib sinifikanti dwar is-sussidjarjetà.

## Rakkomandazzjoni 3 tat-Task Force (Bidla fit-Trattat)

Il-Protokoll Nru. 2 tat-TUE/TFUE għandu jiġi rivedut meta tinqala' l-opportunità biex il-Parlamenti nazzjonali jingħataw 12-il ġimgħa sabiex iħejju u jissottomettu l-opinjonijiet motivati tagħhom u jesprimu b'mod sħiħ il-fehmiet tagħhom dwar is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-bażi ġuridika (konferiment) tal-leġiżlazzjoni proposta. Il-Parlamenti Nazzjonali għandhom jikkonsultaw mal-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fejn il-kompetenzi tagħhom skont il-liġi nazzjonali huma kkonċernati mill-proposta għal-leġiżlazzjoni tal-UE.

It-Task Force tqis li l-azzjonijiet li ġejjin, li ma jirrikjedux bidliet fit-Trattati, iżidu l-impatt tal-Parlamenti nazzjonali fuq id-diskussjonijiet dwar is-sussidjarjetà:

- Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra d-dewmien fit-trażmissjoni ta' elementi individwali ta' pakketti leġiżlattivi kumplessi lill-Parlamenti nazzjonali u l-perjodi ta' btala komuni meta l-biċċa l-kbira tal-Parlamenti nazzjonali jkunu bil-vaganzi.
- Il-Parlamenti nazzjonali, bl-assistenza tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-pjattaforma REGPEX[18], għandhom jikkonsultaw b'mod xieraq mal-Parlamenti reġjonali fit-tħejjija tal-opinjonijiet motivati tagħhom.
- Il-Kummissjoni għandha tippreżenta b'mod xieraq l-opinjonijiet motivati u s-sottomissjonijiet li tirċievi mill-Parlamenti reġjonali u nazzjonali b'setgħat leġiżlattivi fir-rapport annwali tagħha dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.
- Meta proposta tqajjem għadd sinifikanti ta' opinjonijiet motivati, il-Kummissjoni għandha tħejji ħarsa ġenerali lejn l-opinjonijiet motivati tal-Parlamenti nazzjonali - u possibbilment sottomissjonijiet tal-Parlamenti reġjonali b'setgħat leġiżlattivi - li tkun irċeviet u tagħmilha disponibbli għall-koleġiżlaturi b'mod f'waqtu fid-dawl tal-proċedura leġiżlattiva.

[18] REGPEX huwa sub-netwerk tan-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni miftuħ għall-Parlamenti u l-gvernijiet tar-reġjuni b'setgħat leġiżlattivi: https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/regpex/Pages/default.aspx

## 3.3. Involviment aħjar tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fit-tfassil tal-politika

### 3.3.1. L-approċċ tal-Kummissjoni għall-konsultazzjoni u l-involviment mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-attivitajiet u l-programm ta' ħidma tagħha

It-Task Force tinnota li innovazzjoni ewlenija tal-politika tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar fl-2015 kienet li l-proċessi tat-tfassil tal-politika tagħha jinfetħu għall-partijiet ikkonċernati kollha. Filwaqt li dan qed iseħħ b'mod progressiv, it-Task Force nnotat li l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u rispons tal-Kummissjoni ġeneralment tkun baxxa. Sa minn nofs l-2016, u meta jiġu kkombinati l-mekkaniżmi ta' rispons kollha, waslu kważi 9 000 reazzjoni mingħand il-partijiet ikkonċernati, iżda inqas minn 1 % ġew minn awtoritajiet lokali u reġjonali. Jidher ukoll li l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet huma wkoll baxxi.

Filwaqt li tirrikonoxxi li mhux l-awtoritajiet lokali u reġjonali kollha għandhom il-kapaċità u r-riżorsi sabiex jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet, it-Task Force kienet tal-fehma li għandu jsir aktar sabiex tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni tagħhom fid-dawl tal-obbligu fit-Trattat li jiġu rrispettati l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri inerenti fl-istrutturi tal-gvern lokali u reġjonali tagħhom, u r-rwol u r-responsabbiltà tagħhom fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni[19]. Minħabba d-diversità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-kapaċitajiet differenti tagħhom sabiex jipparteċipaw, kwalunkwe proċessi u għodod maħsuba biex jagħtu spinta lill-parteċipazzjoni tagħhom għandhom ikunu sempliċi u prattikabbli u jisfruttaw in-netwerks u l-pjattaformi eżistenti bl-aktar mod sħiħ. It-Task Force laqgħet il-fatt li l-Kummissjoni riċentament ikkommettiet ruħha li tagħmel konsultazzjonijiet pubbliċi għal inizjattivi ewlenin disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha sabiex ittejjeb l-aċċessibbiltà.

Bħala pass ulterjuri, it-Task Force ħasset li jeħtieġ li tiġi rikonoxxuta l-ispeċifiċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, meta mqabbla ma' partijiet ikkonċernati oħrajn, f'konsultazzjonijiet ġenerali. It-Task Force kienet ukoll tal-fehma li rispons aktar sinifikanti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni jinkoraġġixxi parteċipazzjoni akbar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. It-Task Force tissuġġerixxi wkoll li, fejn rilevanti, għandha titwettaq konsultazzjoni aktar immirata lejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex tirrikonoxxi r-rwol speċifiku tagħhom.

It-Task Force laqgħet ukoll l-involviment estensiv ta' din il-Kummissjoni mal-Parlamenti nazzjonali[20], u ħeġġet lill-Kummissjoni sabiex tibni fuq dan u tinvolvi ruħha aktar mal-Parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili meta tiżviluppa l-politiki. Għal raġunijiet prattiċi u ta' riżorsi, mhuwiex probabbli li dan ikun jista' jsir għall-inizjattivi ġodda kollha kull sena, għalhekk, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tuża l-approċċ għall-aktar inizjattivi sinifikanti tagħha. Eżempju tajjeb huwa ż-Żjarat tal-Unjoni tal-Enerġija, fejn il-Kummissjoni involviet ruħha fi djalogu intensiv ma' gvernijiet, parlamenti nazzjonali, il-Parlament Ewropew, sħab soċjali, rappreżentanti tal-komunità tan-negozju u Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi dwar l-istrateġija tal-Kummissjoni għal Unjoni tal-Enerġija. Eżempju ieħor huwa l-129 djalogu maċ-ċittadini dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa li seħħew f'aktar minn 80 belt u raħal, li wħud minnhom jinvolvu lill-Parlamenti nazzjonali[21]. Bl-istess mod, sa Diċembru 2018, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu jkun organizza aktar minn 200 avveniment lokali u djalogi maċ-ċittadini fi 28 pajjiż Ewropew, li jinvolvu 230 membru tal-Kumitat u aktar minn 30 000 ċittadin[22].

It-Task Force ħarset ukoll lejn żewġ kwistjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-involviment tal-Kummissjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali: il-programm ta' ħidma annwali tagħha u l-koordinazzjoni tal-programmi ekonomiċi nazzjonali tal-Istati Membri (is-"Semestru Ewropew"). It-Task Force tirrikonoxxi li l-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni jitħejja skont il-proċessi u l-iskadenzi ffissati fi ftehimiet interistituzzjonali. Dan jagħmel l-involviment mal-awtoritajiet lokali u reġjonali diffiċli. F'Settembru ta' kull sena, il-President tal-Kummissjoni Ewropea jagħmel id-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni quddiem il-Parlament Ewropew. Dan ikun ikkomplementat minn Ittra ta' Intenzjoni indirizzata lill-President tal-Parlament Ewropew u lill-Presidenza tal-Kunsill. L-ittra tintbagħat ukoll lill-Parlamenti nazzjonali u lill-Presidenti tal-Kumitati Konsultattivi u tiġi ppubblikata onlajn. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni ġeneralment jiġi ppubblikat f'Ottubru. It-Task Force kienet tal-fehma li għandu jkun hemm involviment aktar attiv bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali matul il-perjodu bejn il-pubblikazzjoni tal-Ittra ta' Intenzjoni u l-mument meta l-Kummissjoni tadotta l-programm ta' ħidma tagħha sabiex tippermetti li l-fehmiet tagħhom jiġu kkunsidrati aħjar.

Il-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri huma kkoordinati fil-livell Ewropew fis-Semestru Ewropew tal-governanza ekonomika. It-Task Force tirrakkomanda bil-qawwa li l-Istati Membri jsegwu l-gwida li tat il-Kummissjoni dwar l-inkoraġġiment għall-parteċipazzjoni u sjieda akbar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fid-dawl tal-fatt li l-programmi finanzjarji tal-Unjoni jappoġġjaw dejjem aktar ir-riformi ekonomiċi tal-Istati Membri li jista' jkollhom implikazzjonijiet għal-livelli kollha ta' governanza fi Stat Membru. Dan għandu jmur lil hinn mill-amministrazzjonijiet nazzjonali u jinkludi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili b'mod ġenerali.

---

[19] Pereżempju, l-Aġenda Urbana għall-UE hija sħubija f'bosta livelli tal-UE, Stati Membri u bliet li jaħdmu flimkien għal regolamentazzjoni, finanzjament u kooperazzjoni aħjar, li hija appoġġjata mill-proposti tal-Kummissjoni għall-oqfsa tal-politika ta' Koeżjoni 2021-2027 għall-ħolqien tal-Inizjattiva Urbana Ewropea, strument ġdid għall-kooperazzjoni bejn il-bliet, l-innovazzjoni u l-bini tal-kapaċità fil-prijoritajiet tematiċi kollha tal-Aġenda Urbana għall-UE. http://europa.eu/rapid/press-release_MEMO-18-3866_mt.htm

[20] Fil-perjodu mill-1 ta' Novembru 2014 sat-18 ta' Ġunju 2018, il-Kummissarji għamlu 798 żjara fil-Parlamenti nazzjonali tat-28 Stat Membru.

[21] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/citizens-dialogues-future-europe_mt.pdf

[22] Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ġabar ukoll għadd simili ta' reazzjonijiet permezz ta' stħarriġ onlajn u applikazzjoni mobbli bit-tikketta tal-UE: "*Semma leħnek dwar l-Ewropa*". Fil-ħarifa tal-2018, il-President tal-Kumitat ser iniedi mekkaniżmu ta' djalogu kontinwu marbut mal-implimentazzjoni tar-rapport tat-Task Force.

## Rakkomandazzjoni 4 tat-Task Force

Flimkien mal-Parlamenti nazzjonali u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Kummissjoni għandha żżid is-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali dwar l-opportunitajiet li għandhom sabiex jikkontribwixxu għat-tfassil tal-politika fi stadju bikri.

Il-Kummissjoni għandha tinvolvi bis-sħiħ lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċessi ta' konsultazzjoni tagħha, filwaqt li tqis ir-rwol speċifiku tagħhom fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Hija għandha tippromwovi l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali permezz ta' tfassil xieraq tal-kwestjonarji u tipprovdi rispons u viżibbiltà akbar għall-fehmiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-valutazzjonijiet tal-impatt, il-proposti u r-rispons tagħha mibgħuta lill-koleġiżlaturi.

L-Istati Membri għandhom isegwu l-gwida tal-Kummissjoni Ewropea u jimpenjaw ruħhom b'mod sinifikanti mal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jħejju l-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom u jfasslu u jimplimentaw riformi strutturali bħala parti mis-Semestru Ewropew għat-titjib tas-sjieda u l-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi.

F'termini prattiċi, it-Task Force tqis li jistgħu jiġu previsti l-azzjonijiet konkreti li ġejjin sabiex jagħtu effett lil din ir-rakkomandazzjoni:

- Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Gwida tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar sabiex tenfasizza l-ispeċifiċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-ħtieġa li jsiru konsultazzjonijiet immirati mal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jkun ċar li ser ikun hemm impatti importanti fuqhom u, b'mod partikolari, meta jqajmu tħassib fir-rispons tagħhom dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu tal-Kummissjoni (pjanijiet direzzjonali) u f'konsultazzjonijiet pubbliċi.

- Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwestjonarji ta' konsultazzjoni pubblika jkun fihom taqsimiet iddedikati lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jagħmluha aktar faċli għalihom li jipprovdu informazzjoni dwar kwistjonijiet bħall-implimentazzjoni u l-impatti fil-livelli lokali/reġjonali.

- Sabiex jinkoraġġixxi rata ogħla ta' rispons mill-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Parlamenti nazzjonali flimkien mal-Kummissjoni għandhom iżidu s-sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar kif jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet eżistenti ta' konsultazzjoni u rispons sabiex jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika.

- Il-Kummissjoni għandha tipprovdi viżibbiltà u rispons aħjar dwar kif tuża l-kontribuzzjoni li tirċievi mill-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar il-kwistjonijiet rilevanti għalihom, bħall-implimentazzjoni u l-impatti territorjali.

- Il-koleġiżlaturi, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni u l-Kummissjoni, flimkien mal-uffiċċji ta' rappreżentanza tagħhom, għandhom jesploraw kif l-aħjar li jżidu s-sensibilizzazzjoni fl-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom dwar il-kwistjonijiet u l-isfidi li jiffaċċjaw l-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dan jista' jsir billi jinħolqu opportunitajiet għall-iskambju ta' persunal ma' awtoritajiet lokali u reġjonali permezz ta' avvenimenti u korsijiet ta' taħriġ.

- Il-Kumitat tar-Reġjuni, il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jaħdmu flimkien sabiex jiżviluppaw u jippromwovu azzjonijiet innovattivi bil-għan li jikkomunikaw aħjar maċ-ċittadini madwar l-Unjoni Ewropea[23] u jibnu l-kapaċità biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jipparteċipaw b'mod aktar effettiv fit-tfassil tal-politika, pereżempju, bi programm simili għal ERASMUS għall-politikanti lokali u reġjonali.

- L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta jħejju l-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom u meta jfasslu u jimplimentaw riformi strutturali sabiex jirriflettu l-istruttura amministrattiva u kostituzzjonali f'kull Stat Membru.

- Il-Kummissjoni għandha timmira li tinvolvi ruħha b'mod aktar intensiv, inkluż permezz tal-uffiċċji ta' rappreżentanza tagħha, ma' awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali fl-Istati Membri dwar inizjattivi magħżula u politikament importanti u l-proċess tas-Semestru Ewropew.

[23] Bħalma huwa l-programm tal-kunsilliera lokali tal-UE (Europagemeinderäte) żviluppat fl-Awstrija.

### 3.3.2. Il-valutazzjonijiet tal-impatt, il-proposti u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni

Il-proposti tal-Kummissjoni għal-leġiżlazzjoni ġeneralment ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt li tesplora l-kostijiet u l-benefiċċji (impatti) tal-għażliet ta' politika alternattivi maħsuba sabiex isolvu problema partikolari. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma indirizzati wkoll fil-valutazzjoni tal-impatt. Minħabba li ħafna politiki huma fil-biċċa l-kbira tagħhom implimentati fil-livell lokali u reġjonali, il-membri tat-Task Force talbu sabiex l-impatti fil-livelli lokali u reġjonali jiġu vvalutati b'mod sistematiku fil-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet kollha fl-oqsma ta' politika li jaffettwaw b'mod sinifikanti lill-awtoritajiet lokali u reġjonali. It-Task Force tinnota li l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar jirrikjedu li jiġu eżaminati l-impatti possibbli kollha, iżda jiġu vvalutati biss l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti. Il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni (u l-evalwazzjonijiet tiegħu) jaħdem fuq il-prinċipju ta' analiżi proporzjonata – jiġifieri jiġi vvalutat x'inhu importanti għall-fajl ta' politika speċifiku. Dan japplika għall-impatti li jistgħu jiġu ġġenerati fil-livelli lokali u reġjonali li jistgħu ma jkunux rilevanti jew importanti għal proposta partikolari, iżda li għandhom jiġu vvalutati meta jkunu sinifikanti għal inizjattiva partikolari. Fiż-żewġ każijiet, jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tispjega fil-valutazzjonijiet tal-impatt u/jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tagħha jekk ivvalutatx speċifikament jew le l-impatt fil-livell lokali u reġjonali, jew għaliex ma għamlitx dan.

Il-Kummissjoni tipprova wkoll tippreżenta pjanijiet ta' implimentazzjoni għal proposti ta' direttivi sinifikanti. Dawn jintbagħtu lill-koleġiżlaturi u jiddeskrivu l-attivitajiet li tipprevedi l-Kummissjoni sabiex tiżgura implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi u tajbin tad-dritt tal-Unjoni. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinvolvu ħidma mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali ħafna drabi jkunu involuti mill-qrib fl-applikazzjoni tal-programmi u d-dritt tal-Unjoni fi Stat Membru partikolari. L-esperjenza diretta tagħhom hija rilevanti ħafna meta l-Kummissjoni tevalwa l-prestazzjoni ta' dik il-leġiżlazzjoni u trid tkun taf jekk hijiex qed tiffunzjona kif suppost, hijiex problematika, kumplessa żżejjed jew jekk timponix kostijiet mhux meħtieġa.

Filwaqt li l-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar ikopru t-tħejjija tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni, il-valutazzjoni tal-impatt ma teżaminax b'mod sistematiku kif tista' tiġi implimentata leġiżlazzjoni ġdida jew immodifikata, b'mod partikolari minn dawk li jista' jkollhom ir-responsabbiltà jwettqu implimentazzjoni effettiva fil-livelli lokali u reġjonali. Barra minn hekk, dawn il-pjanijiet ta' implimentazzjoni huma mmirati prinċipalment għall-awtoritajiet nazzjonali li fl-aħħar mill-aħħar huma responsabbli mit-tħejjija tal-miżuri ta' traspożizzjoni u mill-applikazzjoni tagħhom b'mod korrett. Filwaqt li t-Task Force kienet tal-fehma li l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jistgħu jittejbu b'mod sinifikanti, hija qieset li, f'ħafna każijiet, it-tħejjija ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tajbin, li jinvolvu awtoritajiet lokali u reġjonali, x'aktarx li jkollha valur miżjud akbar.

**Rakkomandazzjoni 5 tat-Task Force**

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet tagħha jikkunsidraw sistematikament l-impatti territorjali u jivvalutawhom meta jkunu sinifikanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. L-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jgħinu sabiex jidentifikaw tali impatti potenzjali fir-reazzjonijiet tagħhom għall-konsultazzjoni u fir-rispons dwar il-pjanijiet direzzjonali.

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi kif xieraq is-Sett ta' Għodod u l-Linji Gwida dwar Regolamentazzjoni Aħjar tagħha u tindirizza l-kwistjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni u l-valur miżjud tal-UE f'dak li għandu x'jaqsam mal-leġiżlazzjoni, kif ukoll tiżgura viżibbiltà akbar tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-impatti territorjali rilevanti fil-proposti tagħha u l-memoranda ta' spjegazzjoni li jakkumpanjawhom.

Ir-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq għandha titqies flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil tal-politika u fl-implimentazzjoni billi dan il-kwistjonijiet huma relatati mill-qrib. F'termini konkreti, it-Task Force tqis li l-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jgħinu biex titwettaq ir-rakkomandazzjoni:

- Il-Kummissjoni għandha tinkludi aktar elementi tal-valutazzjoni tal-impatt fuq l-impatti territorjali, is-sussidjarjetà (inkluż il-valur miżjud tal-UE) u l-proporzjonalità fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni li jakkumpanja kull proposta leġiżlattiva sabiex tagħti viżibbiltà akbar lill-valutazzjonijiet. (Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni huwa disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha, kuntrarju għall-valutazzjoni tal-impatt innifisha).
- Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jappoġġja lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jirrispondu b'mod aktar sistematiku għall-pjanijiet direzzjonali, għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu u għall-konsultazzjonijiet sabiex tkun tista' tinġabar l-evidenza dwar l-impatti territorjali fuq skala lokali u reġjonali ta' inizjattiva partikolari u sussegwentement tintuża fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fl-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni.
- Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatti territorjali fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fl-evalwazzjonijiet tagħha meta dawn x'aktarx ikunu sinifikanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li għandhom jgħinu sabiex jidentifikaw tali impatti fir-reazzjonijiet għall-konsultazzjonijiet u r-rispons dwar il-pjan direzzjonali.
- Minħabba li mhuwiex probabbli li l-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jinkorporaw b'mod suffiċjenti d-dimensjonijiet lokali u reġjonali, l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jikkooperaw fit-tħejjija tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali. Hemm vantaġġi ċari fil-livell nazzjonali jekk tiġi inkorporata l-esperjenza tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-mezzi sabiex isir dan ivarjaw fl-Istati Membri kollha minħabba l-istrutturi amministrattivi u kostituzzjonali differenti.

## 3.4. Il-proċedura leġiżlattiva

It-Task Force nnotat perċezzjoni mifruxa li matul il-proċedura leġiżlattiva d-diskussjonijiet dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità dwar il-proposti ma jseħħux sistematikament. Fil-Kunsill, pereżempju, huwa ċar li l-punt safejn id-delegazzjonijiet nazzjonali jiddiskutu l-fajls leġiżlattivi mar-rappreżentanti tal-Parlament nazzjonali jew mal-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-Istat Membru tagħhom ivarja b'mod sinifikanti. Fil-każ tal-Parlament Ewropew, it-Task Force rrikonoxxiet li huwa jirrapporta perjodikament dwar l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà b'rispons għar-rapporti annwali tal-Kummissjoni. Is-servizz ta' riċerka tiegħu jivvaluta sistematikament il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni f'rapport magħmul disponibbli għall-kumitat Parlamentari rilevanti u ppubblikat fuq l-internet. Is-servizz ta' riċerka tal-Parlament iwettaq u jippubblika wkoll il-valutazzjonijiet tal-impatt tiegħu stess ta' għadd limitat ta' emendi sostanzjali. Din il-ħidma tista', fil-prinċipju, tkopri s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni huma wkoll diskussi dejjem aktar fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill fil-bidu ta' kull proċedura leġiżlattiva. Il-Kummissjoni tqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni taż-żewġ istituzzjonijiet il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati miġbura fil-perjodu ta' tmien ġimgħat wara li tadotta l-proposti tagħha. Dan ir-rispons jista' jkopri kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità, kif ukoll l-impatti rilevanti għal-livelli lokali u reġjonali.

Madankollu, it-Task Force hija konxja li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill spiss jagħmlu bidliet sostanzjali fil-proposta tal-Kummissjoni matul in-negozjati dwar il-leġiżlazzjoni. Dawn il-bidliet jistgħu jinvolvu impatti sinifikanti fil-livell lokali u reġjonali, ikunu inqas proporzjonati u inqas mixtieqa mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u jistgħu joħolqu sfidi għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jkollhom jimplimentawhom. Filwaqt li l-Parlament Ewropew jista' jikkummissjona studji u seduti ta' smigħ, u d-diskussjonijiet tal-kumitati tiegħu jkunu miftuħa għall-pubbliku u mxandra fuq l-internet, id-diskussjonijiet ewlenin bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew matul il-proċedura leġiżlattiva ("trilogi") mhumiex miftuħa għall-pubbliku ġenerali u, għalhekk, l-informazzjoni dwar in-negozjati mhijiex faċilment disponibbli għall-Parlamenti reġjonali/nazzjonali u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali.

It-Task Force hija tal-fehma li l-koleġiżlaturi għandhom ikunu aktar konxji tat-tħassib leġittimu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali matul il-proċedura leġiżlattiva minħabba li dan jista' jwassal għal eżiti aħjar u implimentazzjoni aktar effettiva fil-livell lokali u reġjonali. Il-proċeduri leġiżlattivi huma stabbiliti fit-Trattat u, għalhekk, jistgħu jiġu riveduti biss permezz ta' bidla fit-Trattat. Dan ikun il-każ għal "karta tardiva" dwar is-sussidjarjetà li kkunsidrat it-Task Force – jiġifieri kontroll formali tas-sussidjarjetà fi tmiem il-proċess leġiżlattiv. Għalhekk, it-Task Force kkunsidrat proposti aktar prattiċi fuq perjodu ta' żmien qasir sabiex tinvolvi aħjar lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, li ma jkunux jirrikjedu bidla fit-Trattat u li possibbilment jistgħu jiġu inklużi f'reviżjoni futura tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. It-Task Force laqgħet ukoll il-każistika riċenti[24] dwar l-aċċess għad-dokumenti diskussi fit-trilogi, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (inkluż l-iżvilupp ta' bażi ta' data ġdida sabiex tiżdied it-traċċabbiltà tal-proċedura leġiżlattiva) u s-sejbiet tal-Ombudsman Ewropew dwar it-trasparenza tat-trilogi[25]. It-Task Force tilqa' segwitu rapidu mill-koleġiżlaturi dwar dawn il-kwistjonijiet minħabba li dan ikun l-ewwel pass tajjeb biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

[24] T-540/15 *De Capitani vs Il-Parlament*; http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf;jsessionid=9ea7d2dc30ddfb6ef4af4df246c6a5689c7889c65e8f.e34KaxiLc3qMb40Rch0SaxyNchb0?text=&docid=200551&pageIndex=0&doclang=MT&mode=lst&dir=&occ=first&part=1&cid=100299

[25] https://www.ombudsman.europa.eu/press/release.faces/mt/69214/html.bookmark

## Rakkomandazzjoni 6 tat-Task Force

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jużaw b'mod konsistenti l-grilja tas-sussidjarjetà matul in-negozjati tagħhom sabiex jippromwovu kultura ta' għarfien aħjar tal-kwistjonijiet rilevanti għall-awtoritajiet lokali u reġjonali.

Il-Kummissjoni għandha tenfasizza lill-koleġiżlaturi kwalunkwe fehma li tirċievi mingħand l-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-perjodu ta' skrutinju wara l-adozzjoni tal-proposti tagħha.

Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-Parlamenti nazzjonali għandhom jitolbu l-fehmiet u l-għarfien espert tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-bidu tal-proċedura leġiżlattiva. It-Task Force tistieden lill-koleġiżlaturi tal-UE sabiex jikkunsidraw li jistiednu rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għal-laqgħat tagħhom jew li jospitaw seduti ta' smigħ u avvenimenti, fejn ikun xieraq.

Prattikament, it-Task Force tqis li r-rakkomandazzjoni tista' tiġi implimentata permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-koleġiżlaturi għandhom jistiednu lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex jippreżentaw il-fehmiet tagħhom lil-laqgħat tal-Kumitat u lil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill meta dan ikun rilevanti u xieraq għall-proposta inkwistjoni.
- Il-koleġiżlaturi għandhom jospitaw seduti ta' smigħ u laqgħat ta' esperti bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali meta dan ikun rilevanti u xieraq għal proċedura leġiżlattiva speċifika.
- Il-Kummissjoni għandha tenfasizza l-fehmiet li tirċievi mingħand l-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rapport dwar ir-rispons tal-partijiet ikkonċernati li l-Kummissjoni tibgħat lill-koleġiżlaturi dwar il-proposti tagħha.

## Rakkomandazzjoni 7 tat-Task Force

Il-Parlamenti reġjonali u nazzjonali għandhom jesploraw kif jgħaqqdu b'mod aktar effettiv il-pjattaformi rispettivi tagħhom għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni (REGPEX u IPEX[26]) sabiex jiżguraw li l-proċedura leġiżlattiva u l-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà jirriflettu aħjar it-tħassib tagħhom.

It-Task Force tqis li r-rakkomandazzjoni tista' tingħata effett permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-Parlamenti Nazzjonali, il-Parlamenti reġjonali u l-Kumitat tar-Reġjuni għandhom itejbu l-komunikazzjoni tagħhom, pereżempju, billi jesploraw kif jużaw aħjar u jgħaqqdu b'mod aktar effettiv il-pjattaformi tal-IT tagħhom għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn il-Parlamenti nazzjonali u reġjonali.
- Il-Parlamenti nazzjonali għandhom jikkonsultaw b'mod xieraq mal-Parlamenti reġjonali fit-tħejjija tal-opinjonijiet motivati tagħhom.
- Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jintensifikaw il-ħidma tagħhom sabiex jiżviluppaw bażi ta' data interistituzzjonali sabiex isegwu aħjar il-proċess leġiżlattiv bil-għan li jtejbu t-trasparenza dwar il-proċedura leġiżlattiva, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
- Reviżjoni futura tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet għandha tikkunsidra kif għandu jiġi ffaċilitat it-tixrid tal-informazzjoni u tad-dokumenti lill-korpi kollha involuti fi proċedura leġiżlattiva partikolari u tiżgura monitoraġġ xieraq tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità matul il-proċedura leġiżlattiva kollha.

[26] Il-pjattaforma għall-Iskambju Interparlamentari tal-UE: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/home/home.do

## 3.5. Naġixxu b'mod aktar effiċjenti

Din it-taqsima tikkonċerna l-Kompitu (b) tal-mandat tat-Task Force. Kif indikat fit-taqsima 2 ta' hawn fuq, it-Task Force rrikonoxxiet bis-sħiħ il-ħtieġa għal aktar azzjoni mill-Unjoni f'oqsma fejn hemm sfidi ġodda emerġenti, bħas-sigurtà, id-difiża u l-migrazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa li l-Unjoni tintensifika l-isforzi tagħha fl-oqsma ta' azzjoni eżistenti bħat-tibdil fil-klima u l-innovazzjoni. Minħabba li din il-ħidma kollha għandha ssir fi sfond ta' riżorsi limitati, it-Task Force kienet tal-fehma li hemm ħtieġa ċara fil-livell Ewropew li ssir riflessjoni fuq kif għandhom jiġu prijoritizzati l-attivitajiet u kif ir-riżorsi disponibbli jintużaw b'mod aktar effiċjenti. Madankollu, wara li eżaminat il-kwistjoni, it-Task Force waslet għall-konklużjoni li hemm valur miżjud tal-UE fl-oqsma kollha fejn hija attiva l-Unjoni u, għalhekk, ma identifikat l-ebda kompetenza jew qasam ta' politika li għandhom jiġu ddelegati b'mod definittiv, kompletament jew parzjalment lill-Istati Membri. Bħala tali, it-Task Force ma taħsibx li dan l-aspett tax-Xenarju 4 tal-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa huwa l-aktar pass xieraq 'il quddiem.

Madankollu, it-Task Force hija konvinta li l-mod ġdid ta' ħidma deskritt hawn fuq jista' potenzjalment jippermetti lill-Unjoni tuża r-riżorsi tagħha b'mod aktar effiċjenti. Dan għandu jgħin sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni ġdida tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, ma tkunx densa żżejjed[27] u tħalli biżżejjed flessibbiltà għall-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali. Dan għandu jgħin sabiex tiżdied l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-leġiżlazzjoni bil-għan li jiġi żgurat li fil-prattika din twassal għall-benefiċċji li hija maħsuba li tħalli. It-Task Force ħarset ukoll lejn żewġ aspetti addizzjonali sabiex tkun aktar effiċjenti. B'mod partikolari, hija ħarset lejn:

- L-evalwazzjoni u t-titjib tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti mill-perspettiva tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, id-densità leġiżlattiva u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- L-intensifikazzjoni tal-isforzi fuq implimentazzjoni effettiva tal-korp tal-liġi eżistenti.

### 3.5.1. L-evalwazzjoni u t-titjib tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Il-mod ġdid ta' ħidma ppreżentat fit-taqsimiet preċedenti għandu jgħin mhux biss sabiex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni ġdida titfassal aħjar, iżda wkoll sabiex jiġi żgurat li l-korp eżistenti tad-dritt tal-Unjoni jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità u l-livelli xierqa ta' densità leġiżlattiva u diskrezzjoni għall-awtoritajiet lokali u reġjonali. It-Task Force tenfasizza l-ħtieġa li d-dritt tal-Unjoni jiġi evalwat perjodikament fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet u li jsiru l-bidliet meħtieġa f'konformità mal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar.

It-Task Force tirrikonoxxi li d-direttivi, fil-prinċipju, jagħtu aktar flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-mezzi li għandhom jintużaw sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni. Fid-diskussjonijiet tagħha, it-Task Force ma esprimiet ebda preferenza għal strument wieħed fuq ieħor iżda nnotat li d-direttivi u r-regolamenti evolvew sabiex fis-sustanza saru pjuttost simili. Hija kellha skambju interessanti dwar il-kawżi possibbli għal dan, inkluża fiduċja limitata fost l-Istati Membri nfushom, u bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, dwar jekk il-leġiżlazzjoni hijiex se tiġi implimentata bi standard suffiċjenti. Dan in-nuqqas ta' fiduċja jista' jwassal għal livell akbar ta' dettall u preskrizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (direttivi). Huwa wkoll dan in-nuqqas ta' fiduċja li jdgħajjef l-effettività tar-"rikonoxximent reċiproku" tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, it-Task Force tirrikonoxxi wkoll li hemm kompromessi importanti. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali fis-suq intern, jista' jkun meħtieġ li jkun hemm leġiżlazzjoni aktar preskrittiva li tillimita l-flessibbiltà għall-awtoritajiet u n-negozji lokali u reġjonali.

Għalhekk, kwalunkwe bidla fil-leġiżlazzjoni eżistenti f'termini ta' densità leġiżlattiva jkollha tiġi kkalibrata bir-reqqa u titwettaq f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, billi tibda b'evalwazzjoni bbażata fuq ġbir ta' evidenza bir-reqqa u konsultazzjoni ma' dawk l-aktar affettwati sabiex jiġi identifikat x'jista' utilment jinbidel. It-Task Force kienet tal-fehma li l-kwistjoni ewlenija hija li jkun magħruf kemm il-leġiżlazzjoni qiegħda taħdem fil-prattika u l-kostijiet u l-benefiċċji assoċjati mal-leġiżlazzjoni u, għal dan il-għan, il-fehmiet tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali huma essenzjali. It-Task Force temmen li l-Kummissjoni għandha esperjenza solida bil-Programm u l-Pjattaforma REFIT fl-identifikazzjoni, fuq bażi ta' każ b'każ u bl-użu tal-kontribut minn dawk l-aktar affettwati, ta' liema leġiżlazzjoni tista' tiġi ssimplifikata, imtejba u fejn jistgħu jitnaqqsu piżijiet mhux meħtieġa. Għalhekk, hija tirrakkomanda li l-Kummissjoni tibni fuq din l-esperjenza sabiex tmexxi 'l quddiem l-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u tad-densità regolatorja.

Il-membri tat-Task Force għamlu għadd ta' suġġerimenti għal dawn l-evalwazzjonijiet abbażi tal-valutazzjonijiet u l-kuntatti tagħhom stess mal-partijiet ikkonċernati, u t-Task Force rċeviet ukoll għadd ta' kontribuzzjonijiet minn entitajiet u individwi differenti li jidentifikaw il-leġiżlazzjoni u l-proposti leġiżlattivi li ħassew li huma problematiċi mill-perspettiva tas-sussidjarjetà (valur miżjud), tal-proporzjonalità, tad-densità leġiżlattiva jew tal-grad ta' flessibbiltà pprovduta għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tagħhom. Dawn huma miġbura fil-qosor fl-Anness VI u huma disponibbli fuq is-sit web tat-Task Force[28]. Minħabba l-għadd ta' proposti u n-natura varjata tat-tħassib li jqajmu - li wħud minnhom jistgħu ma jkunux direttament relatati mas-sussidjarjetà - it-Task Force ma setgħetx tevalwa l-merti tad-diversi suġġerimenti. Għalhekk, hija ddeċidiet li tagħmel enfasi fuqhom bħala mod ta' kif tibda riflessjoni aktar rigoruża dwar liema biċċiet ta' leġiżlazzjoni jistgħu jkunu rilevanti għal evalwazzjoni bħal din.

F'dan il-kuntest, it-Task Force ħadet nota ta' żewġ kunsiderazzjonijiet addizzjonali. L-ewwel nett, li t-tħejjija ta' evalwazzjonijiet tajbin hija biċċa xogħol impenjattiva li tirrikjedi *data* dettaljata, li ħafna drabi ma tkunx teżisti jew li ma tinġabarx u li, għalhekk, ma tkunx disponibbli għall-Kummissjoni. It-Task

[27] Fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, "densità" tirrigwardja s-suffiċjenza tal-istabbiliment tal-prinċipji u l-objettivi fl-isfond tal-ħtieġa li jiġu stabbiliti preskrizzjonijiet tekniċi dettaljati dwar kif għandhom jintlaħqu l-objettivi li jistgħu jinfluwenzaw il-grad ta' diskrezzjoni għall-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali meta jimplimentaw il-leġiżlazzjoni (ara d-dokument mill-professur Dougan ippreżentat fil-laqgħa tat-Task Force tal-15 ta' Marzu 2018): https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/dougan-notes-for-task-force-march-2018_en.pdf.

[28] Dawn jinkludu dokumenti minn (1) il-membri tat-Task Force mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/subsidiarity-task-force-cor-members-contribution-for-tf-meeting-on-27-april-2018_en.pdf; u (2) Dr Lopatka https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/sg-2018-00573_en_0.pdf .

Force tieħu nota tal-impenn li għamlu l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet illi jikkunsidraw li jinkludu f'kull att bażiku ġdid dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni bil-għan li jiġi żgurat li tkun disponibbli d-*data* meħtieġa. It-Task Force tinnota li l-Kummissjoni diġà qiegħda tinkludi dawn id-dispożizzjonijiet fil-proposti tagħha.

It-tieni nett, diversi membri tat-Task Force pprovdew ukoll suġġerimenti dwar kif il-programmi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u, b'mod partikolari, għall-politika ta' Koeżjoni tal-Unjoni, jistgħu jitfasslu sabiex jitqiesu l-kwistjonijiet indirizzati mit-Task Force,[29] inkluża l-kumplessità leġiżlattiva[30]. Dawn l-ideat ġew mgħoddija lill-Kummissarji responsabbli għal dawn il-programmi finanzjarji li adottat il-Kummissjoni qabel ma t-Task Force lestiet ir-rapport tagħha. It-Task Force tinnota li wħud minn dawn l-ideat issa huma riflessi fil-proposti tal-Kummissjoni.

## Rakkomandazzjoni 8 tat-Task Force

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa mekkaniżmu sabiex tidentifika u tevalwa l-leġiżlazzjoni mill-perspettiva tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, is-simplifikazzjoni, id-densità leġiżlattiva u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Dan jista' jibni fuq il-Programm u l-Pjattaforma REFIT.

B'mod ġenerali, l-esperjenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u n-netwerks tagħhom għandhom jitqiesu bis-sħiħ meta tiġi mmonitorjata u evalwata l-leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jimplimenta netwerk pilota ġdid ta' ċentri reġjonali sabiex jappoġġja r-rieżamijiet tal-implimentazzjoni tal-politika.

Prattikament, it-Task Force tqis li jistgħu jiġu previsti l-azzjonijiet konkreti li ġejjin sabiex jappoġġjaw ir-rakkomandazzjoni ta' hawn fuq:

- Il-programm u l-Pjattaforma REFIT tal-Kummissjoni għandhom jiġu adattati f'termini tal-approċċ u l-istruttura sabiex il-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi riveduta mill-perspettiva tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità, id-densità leġiżlattiva u r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.
- Il-proċess kontinwu tal-Kummissjoni li tevalwa l-leġiżlazzjoni f'konformità mal-politika ta' regolamentazzjoni aħjar tagħha għandu jindirizza l-kwistjonijiet ta' sussidjarjetà, proporzjonalità u densità leġiżlattiva, filwaqt li jqis is-suġġerimenti ppreżentati mill-membri tat-Task Force u dawk riċevuti mill-partijiet ikkonċernati.
- Il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jniedi proġett pilota għal netwerk ġdid ta' ċentri reġjonali sabiex jiġbor u jiddeterieġi b'mod sistematiku l-fehmiet u l-informazzjoni oġġettiva dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni. It-Task Force taħseb li din hija inizjattiva utli li potenzjalment tista' timla n-nuqqasijiet attwali fid-data u ttejjeb l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni.
- Ladarba l-fażi pilota titlesta, it-Task Force temmen li l-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw li jappoġġjaw in-netwerk flimkien mal-Kumitat tar-Reġjuni jekk ir-riżultati tal-fażi pilota jkunu pożittivi.
- Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bil-għan li jiġi żgurat li jseħħ monitoraġġ suffiċjenti tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, li tista' tippromwovi evalwazzjonijiet ta' kwalità ogħla.
- Il-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi għandhom jiżguraw li, meta d-direttivi jintgħażlu bħala l-istrument leġiżlattiv xieraq, tingħata kunsiderazzjoni suffiċjenti lill-ħtieġa ta' flessibbiltà għall-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali rigward l-implimentazzjoni tagħhom.
- Reviżjoni futura tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet għandha tikkunsidra kif il-prinċipju ta' governanza f'diversi livelli għandu jiġi rifless fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

[29] Ara d-dokument mill-membri tat-Task Force mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ppreżentat fil-laqgħa tat-Task Force tas-27 ta' April dwar ir-riforma fil-politika ta' Koeżjoni; u l-kontribuzzjonijiet li ġejjin mill-Istitut ta' Potsdam: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/lf_nkr-gutachten_vollzugsorientierte_gesetzgebung_de_0.pdf; l-Istat Bavarjan: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/positionspapier-subsidiaritat-bayern-englisch_en.pdf; u l-Land ta' Baden-Württemberg: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/baden-wurttember_de.pdf

[30] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/cor-contribution-on-the-simplification-cohesion-funds.pdf

### 3.5.2. Enfasi akbar fuq leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni aħjar

It-Task Force nnotat li għal ħafna oqsma ta' politika issa jeżisti korp komprensiv ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li sfida ewlenija kienet li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dik il-leġiżlazzjoni permezz tal-infurzar u azzjonijiet oħrajn. It-Task Force tinnota l-ħtieġa għal koordinazzjoni kontinwa fil-livell tal-UE, iżda tissuġġerixxi li ma tantx hemm ħtieġa li jiżdied il-korp eżistenti ta' leġiżlazzjoni. Dan jippermetti lill-Unjoni tuża r-riżorsi tagħha b'mod aktar effiċjenti billi tindirizza l-isfidi ta' ħafna mit-tħassib għaċ-ċittadini, filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni u l-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità, tal-governanza f'bosta livelli u l-mod ġdid ta' ħidma kif stabbilit f'dan ir-rapport. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra bir-reqqa l-valur miżjud tal-pubblikazzjoni ta' dokumenti mhux vinkolanti barra mill-attivitajiet leġiżlattivi tagħha. It-Task Force kkunsidrat ukoll l-impatt negattiv tal-għadd dejjem jikber ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni fuq id-densità leġiżlattiva u fuq il-flessibbiltà mogħtija lill-awtoritajiet lokali u reġjonali. It-Task Force rrikonoxxiet l-utilità ta' dawn l-atti għal implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-Unjoni, iżda tinnota t-tħassib tal-Parlamenti nazzjonali u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li dawn l-atti jistgħu jkunu problematiċi minħabba li jista' jkollhom impatt dirett fuqhom u minħabba li huma barra mill-mekkaniżmu formali ta' kontroll tas-sussidjarjetà fil-Protokoll Nru. 2 tat-Trattati. Il-membri tat-Task Force ħassew li huma għandhom jintużaw b'mod aktar meqjus mill-koleġiżlaturi u mill-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, il-partijiet ikkonċernati kollha jistgħu jikkummentaw dwar l-abbozzi ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni permezz tas-sit web tal-Kummissjoni qabel ma jiġu ffinalizzati.

**Rakkomandazzjoni 9 tat-Task Force**

Il-Kummissjoni li jmiss, flimkien mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, għandha tirrifletti fuq l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-ħidma tagħha f'xi oqsma ta' politika lejn it-twettiq ta' implimentazzjoni aktar effettiva, minflok tinbeda leġiżlazzjoni ġdida f'oqsma fejn il-korp tal-leġiżlazzjoni eżistenti huwa matur u/jew għadu kif ġie sostanzjalment rivedut.

F'termini konkreti, it-Task Force tqis li l-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jgħinu fit-twassil tar-rakkomandazzjoni:

- Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom, skont il-paragrafu 5 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jiskambjaw fehmiet u jaqblu fuq programm pluriennali ffokat li jirrifletti din ir-rakkomandazzjoni u r-rapport tat-Task Force b'mod ġenerali dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Pereżempju, it-tqegħid ta' enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fl-oqsma tas-suq uniku, it-taxxa, is-servizzi finanzjarji, l-ambjent, it-trasport, il-midja/ICT, l-edukazzjoni u t-turiżmu.
- Il-koleġiżlaturi u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jagħtu attenzjoni akbar lill-volum ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-densità leġiżlattiva, filwaqt li l-Parlamenti nazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jagħmlu użu aħjar mill-opportunitajiet sabiex jesprimu t-tħassib tagħhom dwar abbozzi ta' atti matul il-perjodu ta' rispons ta' 4 ġimgħat.

# Anness I Il-membri tat-Task Force

Oriġinarjament, it-Task Force kienet maħsuba sabiex tkun tinkludi disa' membri minbarra l-president tagħha. Madankollu, il-Parlament Ewropew ma pparteċipax u l-President Juncker ħatar biss sitt membri għat-Task Force,[31] għalkemm l-għażla għall-Parlament Ewropew li jissieħeb tħalliet miftuħa matul il-mandat kollu tat-Task Force.

| | |
|---|---|
| **Frans TIMMERMANS**<br>(in-Netherlands) | Il-President tat-Task Force u l-Ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għal Regolamentazzjoni Aħjar, ir-Relazzjonijiet Interistituzzjonali, l-Istat tad-Dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. |
| **François DECOSTER**<br>(Franza) | Membru tal-Kumitat tar-Reġjuni u Viċi President tal-Kunsill Reġjonali ta' Nord-Pas-de-Calais-Picardie u Sindku ta' Saint-Omer (Franza). Huwa Viċi President tal-grupp politiku Alleanza tal-Liberali u tad-Demokratiċi għall-Ewropa fil-Kumitat tar-Reġjuni. |
| **Karl-Heinz LAMBERTZ**<br>(il-Belġju) | President tal-Kumitat tar-Reġjuni minn Lulju 2017 u qabel kien l-Ewwel Viċi President tiegħu. Huwa wkoll membru tas-Senat Belġjan li jirrappreżenta lill-Komunità tal-Belġju li titkellem bil-Ġermaniż. |
| **Reinhold LOPATKA**<br>(l-Awstrija) | Il-President tas-Sottokumitat Permanenti dwar l-affarijiet tal-UE tal-Kunsill Nazzjonali tal-Parlament Awstrijak. Huwa qabel kien Mexxej tal-grupp parlamentari tal-Partit Popolari Awstrijak, kif ukoll Segretarju tal-Istat fi ħdan il-Ministeru Federali tal-Finanzi u aktar tard fil-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali. |
| **Michael SCHNEIDER**<br>(il-Ġermanja) | Membru tal-Kumitat tar-Reġjuni u Segretarju tal-Istat, Rappreżentant tal-Land ta' Saxony-Anhalt għall-Gvern Federali. Huwa President tal-grupp politiku tal-Partit Popolari Ewropew (PPE) fil-Kumitat tar-Reġjuni. |
| **Kristian VIGENIN**<br>(il-Bulgarija) | Il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ewropej u s-Sorveljanza tal-Fondi Ewropej tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija u Membru tal-Partit Soċjalista Bulgaru. Huwa kien ukoll Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Bulgarija u eks-Membru tal-Parlament Ewropew. |
| **Toomas VITSUT**<br>(l-Estonja) | Membru tal-Partit taċ-Ċentru Estonjan u President tal-Kumitat għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea tal-Parlament Estonjan (Riigikogu). Huwa kien ukoll President tal-Kunsill tal-Belt ta' Tallinn mill-2005 u huwa wkoll eks-membru tal-Kumitat tar-Reġjuni. |

[31] C(2018) 406. https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/task-force-members-appointment-c-2018-406_en.pdf

# Anness II L-operat tat-Task Force u l-kontribuzzjonijiet tal-Partijiet Ikkonċernati

## 1. Kif operat it-Task Force

It-Task Force qablet fuq il-metodi ta' ħidma tagħha[32] fl-ewwel laqgħa tagħha fil-25 ta' Jannar 2018. Hija ltaqgħet 7 darbiet b'kollox sabiex tiddiskuti l-kwistjonijiet fir-rigward tat-tliet kompiti identifikati mill-President Juncker. Id-diskussjoni saret abbażi tad-dokumenti mħejjija mis-segretarjat tat-Task Force u mill-membri tat-Task Force. L-aġendi, il-minuti u d-dokumenti ta' diskussjoni kollha huma disponibbli fuq is-sit web[33] tat-Task Force. Dan ippermetta lill-partijiet ikkonċernati kollha jibqgħu informati dwar il-ħidma tat-Task Force u jipprovdu r-rispons direttament permezz tas-sit web jew bil-miktub permezz tal-Ewwel Viċi President jew il-membri tat-Task Force.

Il-membri tat-Task Force wettqu wkoll sensiela ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni sabiex iżommu lill-partijiet ikkonċernati informati u jitolbu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fil-ħidma tat-Task Force. Il-President attenda laqgħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali fil-Parlament Ewropew fit-23 ta' April u fl-20 ta' Ġunju, rispettivament, kif ukoll il-laqgħa plenarja tal-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea fid-19 ta' Ġunju. Fit-28 ta' Mejju 2018 ġiet organizzata wkoll seduta li tinvolvi membri tat-Task Force mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni.

Fi Frar 2018, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni nieda konsultazzjoni wiesgħa ma' aktar minn 2500 parti kkonċernata lokali u reġjonali (inklużi parlamenti u gvernijiet reġjonali, assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' awtoritajiet lokali, awtoritajiet lokali u delegazzjonijiet nazzjonali tal-Kumitat tar-Reġjuni)[34], u r-riżultati preliminari ġew ippreżentati lit-Task Force fit-tieni laqgħa tagħha fit-23 ta' Frar 2018. Il-Kumitat tar-Reġjuni kkonsulta wkoll lill-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà tiegħu dwar il-Kompitu (a) tal-mandat tat-Task Force u, notevolment, dwar il-Grilja ta' Valutazzjoni tas-Sussidjarjetà, u r-riżultati ġew inklużi fil-kontribuzzjoni tal-membri tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għat-tielet laqgħa tat-Task Force fil-15 ta' Marzu 2018.

Dr. Lopatka pparteċipa fi tliet avvenimenti: il-Konferenza "Taħditiet Ewropej dwar il-ġejjieni tal-Unjoni", Den Haag, in-Netherlands, fis-16 u s-17 ta' April 2018; "Il-politika Ewropea", Bern, l-Isvizzera, il-25 ta' April 2018; u "Tagħrif speċjali għall-ġurnalisti - Suġġetti attwali tal-UE" fil-Kamra Ekonomika Awstrijaka, Vjenna, l-Awstrija, fil-15 ta' Mejju 2018.

Is-Sur Vigenin stabbilixxa grupp ta' ħidma interistituzzjonali li kien jinkludi esperti dwar il-liġi tal-UE mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Kunsill tal-Ministri. Bħala president tal-COSAC minn Jannar sa Ġunju 2018, is-Sur Vigenin ippresieda Grupp ta' Ħidma tal-COSAC li nħoloq bil-għan li jiffaċilita diskussjoni regolari u komprensiva relatata mal-ħidma tat-Task Force. Il-grupp kellu laqgħa waħda fis-26 ta' Marzu 2018. Wara din il-laqgħa, diversi Parlamenti nazzjonali ssottomettew kontribuzzjonijiet bil-miktub li huma disponibbli onlajn[35]. Is-Sur Vigenin ippreseda wkoll il-laqgħa Plenarja tal-COSAC fis-17-19 ta' Ġunju 2018 f'Sofia[36]. Matul din il-laqgħa, id-delegazzjonijiet mill-Parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew adottaw unanimament il-Kontribuzzjonijiet tal-LIX COSAC. Is-Sur Vitsut u Dr Lopatka ħadu sehem fl-attivitajiet kollha relatati mal-COSAC bħala membri tat-Trojka Presidenzjali.

It-Task Force stiednet ukoll lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, Koen Lenaerts, u lill-Professur Michael Dougan (mill-Università ta' Liverpool fir-Renju Unit) għal-laqgħa tagħha fil-15 ta' Marzu b'rabta ma' diskussjoni dwar l-applikazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tal-istituzzjonijiet.

[32] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/working-methods-taskforce-subsidiarity_en.pdf

[33] https://ec.europa.eu/commission/priorities/democratic-change/better-regulation/task-force-subsidiarity-proportionality-and-doing-less-more-efficiently_en

[34] https://ec.europa.eu/eusurvey/runner/TaskForceSubsidiarity

[35] http://www.cosac.eu/59-bulgaria-2018/cosac-working-group-26-march-2018/

[36] http://www.cosac.eu/59-bulgaria-2018/

## 2. Ħarsa ġenerali lejn il-kontribuzzjonijiet riċevuti mit-Task Force

It-Task Force stiednet il-kontribuzzjonijiet mis-soċjetà ċivili permezz tas-sit web tagħha jew permezz tal-President tagħha. B'kollox, it-Task Force rċeviet 117-il kontribuzzjoni rilevanti mis-sit web tagħha u 10 kontribuzzjonijiet indirizzati lill-President tat-Task Force jew lill-President Juncker. Dawn huma elenkati hawn taħt.

L-oriġini tad-diversi kontribuzzjonijiet ġiet ikklassifikata skont il-pajjiż u l-Istat Membru (awtorità nazzjonali), Organizzazzjoni Mhux Governattiva (NGO), Awtorità Lokali jew Reġjonali (LRA), Organizzazzjoni tan-Negozju u oħrajn, inklużi ċittadini (Oħrajn) kif ġej:

**Kaxxa 1. L-għadd u l-oriġini tal-kontribuzzjonijiet riċevuti mit-Task Force**




Nota: (1) mis-6 ta' Lulju 2018; (2) il-pajjiż tal-oriġini tal-kontribuzzjonijiet anonimi mhux dejjem ikun magħruf.

| Organizzazzjoni | Tip ta' organizzazzjoni | Oriġini |
|---|---|---|
| Freistaat Sachsen (dwar il-Politika Agrikola Komuni) | Awtorità Lokali/Reġjonali | Il-Ġermanja |
| L-Assoċjazzjoni tal-Bliet u l-Irħula Awstrijaċi | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Deutscher Bundestag, is-Sur Horst Risse | Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Il-Parlament Estonjan (flimkien mal-Parlamenti tal-Bulgarija u ta' Malta) | Stat Membru | L-Estonja |
| Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (il-President Lambertz) | Korp Konsultattiv tal-UE | UE |
| Green10 | NGO | UE |
| L-Istat ta' Baden-Württemberg (WOLF Guido) | Awtorità Lokali/Reġjonali | Il-Ġermanja |
| Is-Sur László KÖVÉR, il-Kelliem tal-Assemblea Nazzjonali Ungeriża | Stat Membru | L-Ungerija |
| Il-MPE Peter Jahr | Stat Membru | Il-Ġermanja |
| WKÖ (Il-Kamra Ekonomika Federali Awstrijaka) | Assoċjazzjoni tan-Negozju | L-Awstrija |
| Ir-Royal Society for the Protection of Birds (RSPB) | NGO | Ir-Renju Unit |
| Delegazzjoni tal-COSAC tas-Senat tal-Parlament tar-Repubblika Ċeka | Stat Membru | Ir-Repubblika Ċeka |
| Serafin Pazos-Vidal, PhD, l-Unjoni Ewropea, UNED | NGO | UE |
| Assoċjazzjoni tal-Muniċipalitajiet Awstrijaċi | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Il-Provinċja Awstrijaka ta' Vorarlberg | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Il-Provinċja Awstrijaka ta' Carinthia | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Il-Kamra tal-Agrikoltura Awstrijaka | NGO | L-Awstrija |
| Il-Presidenti tal-Parlamenti reġjonali tal-Ġermanja u tal-Awstrija u tal-Parlament tan-Nofsinhar tat-Tirol | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Il-Kunsill Federali Awstrijak | Stat Membru | L-Awstrija |
| Il-Parlament Reġjonali tal-Awstrija ta' Isfel | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Il-Parlament Reġjonali tal-Awstrija ta' Fuq | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| L-Assoċjazzjoni tal-Bliet u l-Irħula Awstrijaċi | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| L-Assoċjazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Muniċipalitajiet Awstrijaċi | LRA | L-Awstrija |
| Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-Pajjiż / l-Awstrija | Stat Membru | L-Awstrija |
| Il-President tal-Parlament Reġjonali tal-Awstrija ta' Fuq | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Dr Reinhold Lopatka | Membru tat-Task Force | L-Awstrija |
| Il-Kamra tax-Xogħol Awstrijaka | Assoċjazzjoni tan-Negozju | L-Awstrija |
| Il-Federazzjoni tat-Trade Unions Awstrijaċi | Oħrajn | L-Awstrija |
| Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni | Korp Konsultattiv tal-UE | UE |
| Il-Parlament Daniż | Stat Membru | Id-Danimarka |
| Dr Reinhold Lopatka | Membru tat-Task Force | L-Awstrija |
| Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni | Korp Konsultattiv tal-UE | UE |
| L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Każinos | Assoċjazzjoni tan-Negozju | UE |
| Il-Gvern Daniż (Dokument informali) | Stat Membru | Id-Danimarka |
| Il-Bord tal-Industrija u l-Kummerċ Svediżi għal Regolamentazzjoni Aħjar NNR | Assoċjazzjoni tan-Negozju | L-Isvezja |
| Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni | Korp konsultattiv tal-UE | UE |
| Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni | Korp konsultattiv tal-UE | UE |

| Organizzazzjoni | Tip ta' organizzazzjoni | Oriġini |
|---|---|---|
| EU4health | NGO | UE |
| L-Uffiċċju tal-Kumitat għall-Kamra tal-Affarijiet Ewropej tal-Parlament tad-Deputati tar-Rumanija | Stat Membru | Ir-Rumanija |
| ZDH | Assoċjazzjoni tan-Negozju | Il-Ġermanja |
| Rappreżentanti ta' COSAC | Stat Membru | In-Netherlands |
| Johannes Maier, Membru tal-Kumitat tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà tar-Reġjun; Kap tal-Unità ta' Koordinazzjoni tal-UE, l-Uffiċċju tal-Gvern Reġjonali ta' Carinthia | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Awstrija |
| Il-Kanċellerija tal-Istat Bavarjan | Awtorità Lokali/Reġjonali | Il-Ġermanja |
| L-Istitut ta' Potsdam għall-gvern elettroniku | NGO | Il-Ġermanja |
| Dr. Pafítī MariannaNeoellīnikīis Filologías | Oħrajn | Il-Greċja |
| Il-Kunsill Reġjonali ta' Calabria | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Italja |
| Dr Alessandro Simonato, l-Università ta' Padova | Oħrajn | L-Italja |
| Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni | Korp Konsultattiv tal-UE | UE |
| Il-Parlament tal-Finlandja | Stat Membru | Il-Finlandja |
| Il-Parlament tal-Iżvezja | Stat Membru | L-Isvezja |
| Il-Gvern tal-Ungerija | Stat Membru | L-Ungerija |
| Conferenza delle Assemblee Legislative delle Regione Italiane | Awtorità Lokali/Reġjonali | L-Italja |
| Vereniging van Nederlandse Gemeenten (VNG) | Awtorità Lokali/Reġjonali | In-Netherlands |
| L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Lotteriji | Assoċjazzjoni tan-Negozju | UE |
| Deutsche Bundesregierung (Dokument informali) | Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Insurance Europe | Assoċjazzjoni tan-negozju | UE |
| Il-Parlament Nazzjonali tal-Latvja | Stat Membru | Il-Latvja |
| Il-Parlament tal-Portugall | Stat Membru | Il-Portugall |
| Il-Parlament ta' Franza (Sénat) | Stat Membru | Franza |
| Il-Parlament ta' Malta | Stat Membru | Malta |
| Il-WWF | NGO | UE |
| Birdlife International | NGO | UE |
| Dr Diane Fromage | Oħrajn | In-Netherlands |
| Reġjuni b'Setgħat Leġiżlattivi (RLEG) | Awtorità Lokali/Reġjonali | UE |
| Reinhold Bocklet, MdL. Il-Viċi President tal-Parlament tal-Istat Bavarjan | Awtorità Lokali/Reġjonali | Il-Ġermanja |
| Anonymous x 59 | Oħrajn | Varji |

# Anness III L-isfond Ġuridiku u ta’ politika għall-ħidma tat-Task Force

## 1. Il-qafas ġuridiku u ta’ politika eżistenti li fih joperaw l-istituzzjonijiet

Il-ħidma tat-Task Force għandha titqies fl-isfond tal-oqfsa legali u ta’ politika attwali li jirregolaw it-tħaddim tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fl-Unjoni.

### 1.1. Konferiment: Demarkazzjoni bejn il-kompetenzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri

L-Istati Membri espressament illimitaw l-oqsma li fihom tista’ taġixxi l-Unjoni billi jikkonferixxu kompetenzi speċifiċi lill-Unjoni fit-Trattati. Il-kompetenzi li ma jiġux konferiti lill-Unjoni jibqgħu tal-Istati Membri. Dan jirrappreżenta demarkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistabbilixxi tliet kategoriji ewlenin ta’ kompetenza tal-Unjoni: kompetenzi esklussivi, kondiviżi u ta’ sostenn. F’oqsma ta’ kompetenza esklussiva,[37] hija biss l-Unjoni li tista’ taġixxi, sakemm l-Unjoni ma tagħtix is-setgħa lill-Istati Membri sabiex jagħmlu dan. F’oqsma ta’ politika fejn il-kompetenza hija kondiviża[38] mal-Istati Membri, kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri jistgħu jippromulgaw il-miżuri legalment vinkolanti, iżda l-Istati Membri jistgħu jaġixxu biss sakemm l-Unjoni ma tkunx għamlet dan. Bil-maqlub, fejn l-Unjoni tieqaf milli taġixxi, l-Istati Membri jistgħu jerġgħu jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sabiex jagħmlu dan. Ma teżisti ebda prelazzjoni bħal din f’oqsma fejn l-Unjoni għandha biss l-kompetenza li tappoġġja, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri[39] u, għalhekk, l-azzjoni tal-Unjoni ma tistax tarmonizza jew tissostitwixxi d-dritt tal-Istati Membri li jaġixxu. Din il-kategorizzazzjoni hija importanti minħabba li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax f’oqsma fejn l-Unjoni taġixxi b’mod esklussiv.

### 1.2. L-eżerċitar tal-kompetenza tal-Unjoni: il-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tal-kooperazzjoni sinċiera

L-azzjoni mill-Unjoni hija rregolata mill-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità[40] u l-istituzzjonijiet għandhom obbligu speċifiku li jiżguraw ir-rispett għaż-żewġ prinċipji[41]. Is-sussidjarjetà tfisser li l-Unjoni għandha taġixxi biss (u sal-punt) li l-objettivi previsti ma jistgħux jintlaħqu b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri (ċentralment jew f’livelli lokali jew reġjonali), iżda jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta[42]. Dawn il-kriterji komunement issir referenza għalihom bħala l-kriterji tan-neċessità tal-UE u tal-valur miżjud tal-UE.

Il-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jaqbżu dawk meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati[43]. Dan huwa l-prinċipju tal-proporzjonalità. L-Unjoni hija wkoll obbligata li tirrispetta l-ugwaljanza tal-Istati Membri u l-identitajiet nazzjonali tagħhom inerenti fl-istrutturi politiċi u kostituzzjonali tagħhom, inkluż il-gvern lokali u reġjonali[44]. Barra minn hekk, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jaderixxu mal-prinċipju ta’ kooperazzjoni sinċiera u jgħinu lil xulxin fit-twettiq ta’ kompiti li jirriżultaw mit-Trattati, inkluż l-insegwiment tal-objettivi tat-Trattat permezz ta’ leġiżlazzjoni sekondarja. Dawn il-fatturi kollha jistgħu jaffettwaw il-kontenut u l-intensità tal-azzjonijiet tal-Unjoni.

It-Trattati jinkoraġġixxu l-involviment tal-Parlamenti nazzjonali fl-attivitajiet ta’ tfassil tal-politika tal-Unjoni[45]. Il-Protokoll Nru. 1 għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li l-Kummissjoni tibgħat green papers, white papers, Komunikazzjonijiet, programmi ta’ ħidma annwali u proposti leġiżlattivi lill-Parlamenti nazzjonali fl-istess ħin li dawn jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Parlamenti nazzjonali jistgħu jibagħtu opinjonijiet motivati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar jekk proposta leġiżlattiva partikolari hijiex konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Parlamenti Nazzjonali għandhom jirċievu wkoll l-aġendi tal-laqgħat tal-Kunsill u l-minuti tal-laqgħat tal-Kunsill fejn jiġu diskussi abbozzi ta’ atti leġiżlattivi. Fl-aħħar nett, il-Parlamenti nazzjonali huma primarjament responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà billi jużaw il-proċedura stabbilita fil-Protokoll Nru. 2 tat-TUE/TFUE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

---

[37] Fl-oqsma li ġejjin: l-unjoni doganali, ir-regoli tal-kompetizzjoni għall-funzjonament tas-suq intern, il-politika monetarja għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar skont il-politika komuni tas-sajd u l-politika kummerċjali komuni (*l-Artikolu 3 tat-TFUE*).

[38] Fl-oqsma li ġejjin: is-suq intern; il-politika soċjali (definita fit-Trattat); il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; l-agrikoltura u s-sajd (eskluża l-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar); l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-trasport; in-netwerks trans-Ewropej; l-enerġija; l-ispazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja; u t-tħassib komuni dwar is-sikurezza fi kwistjonijiet ta’ saħħa pubblika (definiti fit-Trattat) (*l-Artikolu 4 tat-TFUE*).

[39] Fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni u t-titjib tas-saħħa tal-bniedem; l-industrija; il-kultura; it-turiżmu; l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, iż-żgħażagħ u l-isport; il-protezzjoni ċivili; u l-kooperazzjoni amministrattiva (*l-Artikolu 6 tat-TFUE*).

[40] L-Artikolu 5(1) tat-TUE.

[41] L-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru. 2 tat-TUE/TFUE.

[42] L-Artikolu 5(3) tat-TUE.

[43] L-Artikolu 5(4) tat-TUE

[44] L-Artikolu 4(2) tat-TUE.

[45] L-Artikolu 12 tat-TUE.

## 1.3. Il-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà (Protokoll Nru. 2, TUE/TFUE)

Il-Protokoll Nru. 2 tat-TUE/TFUE jistabbilixxi l-parametri tal-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà[46]. Huwa japplika f'oqsma fejn l-UE ma għandhiex kompetenza esklussiva. F'każijiet fejn il-Parlamenti nazzjonali jikkunsidraw li l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi ma jikkonformawx mas-sussidjarjetà, huma jistgħu jibagħtu opinjoni motivata lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien 8 ġimgħat mit-trażmissjoni tal-proposta bil-lingwi uffiċjali kollha. Il-Kummissjoni trid tqis l-opinjonijiet motivati li tirċievi. L-effett tal-opinjonijiet motivati fuq il-proċedura leġiżlattiva jiddependi fuq kemm ikun hemm Parlamenti nazzjonali li jirreaġixxu u l-għadd ta' voti li jirrappreżentaw. Kull wieħed mit-28 Parlament nazzjonali huwa allokat żewġ voti. Jekk ikun hemm 2 kmamar, kull waħda jkollha vot wieħed.

Meta l-opinjonijiet motivati jirrappreżentaw mill-inqas terz[47] tal-voti kollha allokati lill-Parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni trid tirrevedi l-proposta tagħha u tista' tiddeċiedi jekk iżżommx, tbiddilx jew tirtirax il-proposta tagħha. Il-Kummissjoni trid tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Din hija magħrufa bħala l-proċedura ta' 'karta safra' u sa issa kien hemm tlieta minnhom.

Meta l-opinjonijiet motivati jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-voti u l-abbozz tal-att jaqa' taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Kummissjoni trid tirrevedi l-proposta tagħha u tiddeċiedi jekk iżżommhiex, tbiddilhiex jew tirtirahiex. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li żżomm il-proposta tagħha, hija trid tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar għaliex il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Din hija magħrufa bħala l-proċedura ta' 'karta oranġjo' u sa issa ma kien hemm l-ebda waħda. Jekk maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Parlament Ewropew, jew 55 % tal-membri tal-Kunsill, jiddeċiedu li l-proposta tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proposta ma tingħatax aktar kunsiderazzjoni.

Minn mindu daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu responsabbiltajiet akbar fir-rigward tas-sussidjarjetà. Huwa għandu d-dritt li jressaq azzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE abbażi tal-ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà[48]. Il-Kumitat tar-Reġjuni stabbilixxa wkoll netwerk ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà[49] li għandu l-għan li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tal-UE dwar id-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea u l-proposti leġiżlattivi li għandhom impatt dirett fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali.

## 1.4. Regolamentazzjoni Aħjar u Tfassil Aħjar tal-Liġijiet: bidliet ewlenin mill-2015

Il-qafas ta' regolamentazzjoni aħjar tal-Kummissjoni għandu l-għan li jwassal għal tfassil tal-politika abbażi tal-evidenza. Huwa jippromwovi t-trasparenza, ir-responsabbiltà u t-teħid ta' deċiżjonijiet informati. L-approċċ tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar jirrikonoxxi espliċitament iċ-ċiklu tal-ħajja tal-politika u l-passi differenti tiegħu mill-bidu, it-tħejjija, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni u l-modifika sussegwenti. Ir-regolamentazzjoni aħjar hija mibnija fuq tliet pilastri ewlenin li huma komplementarji u relatati mill-qrib:

- Valutazzjoni tal-impatt;
- Evalwazzjoni; u
- Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

Fl-2015, il-Kummissjoni introduċiet bidliet sostanzjali fil-politika tagħha dwar regolamentazzjoni aħjar. Il-Kummissjoni żviluppat u ppubblikat Linji Gwida[50] li jidderieġu lill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni dwar kif japplikaw regolamentazzjoni aħjar fil-ħidma tagħhom matul iċ-ċiklu kollu tal-politika. Huma jindirizzaw ukoll il-mod kif il-Kummissjoni se tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Sett ta' Għodod komplementari[51] fih 65 għodda separati li jipprovdu assistenza aktar dettaljata dwar kif għandhom jiġu indirizzati kwistjonijiet speċifiċi bħas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità,[52] l-abbozzar tal-memorandum ta' spjegazzjoni[53] li jakkumpanja l-proposti tal-Kummissjoni, l-impatti territorjali,[54] l-għażla tal-istrument ta' politika[55] u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni[56].

Il-President tal-Kummissjoni stabbilixxa wkoll Bord ta' Skrutinju Regolatorju ġdid[57] f'Mejju 2015. Il-Bord huwa magħmul minn president u sitt membri b'għarfien espert fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u ambjentali minħabba r-rwol ċentrali li għandha r-regolamentazzjoni fl-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fit-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Il-membri kollha jaħdmu għall-Bord fuq bażi full-time u ma għandhom l-ebda responsabbiltà għat-tfassil tal-politika. Tlieta mill-membri jiġu rreklutati minn barra l-istituzzjonijiet permezz ta' proċeduri tal-għażla miftuħa u bbażati fuq il-mertu. L-erba' membri li jifdal jiġu minn fost is-servizzi tal-Kummissjoni magħżula permezz ta' proċeduri simili iżda interni. Il-kandidati b'esperjenza u għarfien espert relatati mal-operazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mhux biss huma eliġibbli iżda huma mħeġġa japplikaw. Il-Bord jivverifika l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt kollha u l-evalwazzjonijiet magħżula skont ir-rekwiżiti tal-Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar regolamentazzjoni aħjar. Huwa joħroġ opinjonijiet kemm pożittivi

[46] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:12016ME/TXT&from=MT

[47] Dan il-limitu stabbilit huwa kwart għall-abbozzi ta' atti leġiżlattivi relatati mal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà.

[48] L-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru. 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

[49] https://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/Pages/default.aspx

[50] https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-guidelines_en

[51] https://ec.europa.eu/info/better-regulation-toolbox_mt

[52] https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox-5_en

[53] https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox-38_en

[54] https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox-33_en

[55] Għodda #18 dwar l-għażla tal-istrumenti ta' politika: https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox-18_en

[56] https://ec.europa.eu/info/files/better-regulation-toolbox-36_en

[57] https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/regulatory-scrutiny-board_mt

kif ukoll negattivi. L-inizjattivi akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt ġeneralment ikunu jirrikjedu opinjoni pożittiva mill-Bord sabiex il-fajl ikun jista' jingħadda lill-Kulleġġ tal-Kummissarji għal deċiżjoni.

**Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-oqsma kollha ta' azzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni trid twettaq ukoll konsultazzjonijiet wiesgħa sabiex tiżgura t-trasparenza u l-koerenza tal-azzjoni tal-Unjoni[58]. Dan huwa parti mid-dritt taċ-ċittadini li jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u huwa importanti sabiex tiġi stabbilita l-leġittimità tal-Unjoni. Il-President Juncker talab lill-Membri tal-Kulleġġ kollha sabiex ikunu politikament attivi fl-Istati Membri u fi djalogi maċ-ċittadini[59], billi jippreżentaw u jikkomunikaw l-aġenda komuni, jisimgħu l-ideat u jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati. Mill-15 ta' Mejju 2018, kien hemm madwar 400 avveniment ta' djalogu maċ-ċittadini li ġew organizzati taħt il-Kummissjoni Juncker. Kien hemm ukoll konsultazzjoni speċifika dwar il-ġejjieni tal-Ewropa[60]. Sa Diċembru 2018, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni għandu jkun lesta 'l fuq minn 200 avveniment lokali/djalogu taċ-ċittadini fi 28 pajjiż Ewropew, li jinvolvu madwar 230 membru tal-Kumitat u aktar minn 30,000 ċittadin, u huwa ġabar għadd simili ta' reazzjonijiet permezz ta' stħarriġ onlajn u applikazzjoni tal-mowbajl bit-tikketta tal-UE: *"Semma leħnek dwar l-Ewropa"*. Fil-ħarifa tal-2018, il-President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ser iniedi wkoll mekkaniżmu ta' djalogu kontinwu marbut mal-implimentazzjoni tar-rapport tat-Task Force u r-rakkomandazzjonijiet ta' komunikazzjoni/sensibilizzazzjoni tiegħu.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tippermetti li jiġu espressi l-fehmiet u li l-evidenza konkreta tintuża fit-tħejjija ta' inizjattivi ġodda jew fl-evalwazzjoni ta' politiki eżistenti. Il-konsultazzjoni issa hija sostnuta minn strateġija maħsuba sabiex tidentifika l-informazzjoni li hija meħtieġa, il-partijiet ikkonċernati li mingħandhom tista' tinkiseb informazzjoni rilevanti u l-metodi li bihom jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati. Id-deskrizzjoni inizjali tal-inizjattiva u tal-istrateġija ta' konsultazzjoni ser tiġi ppubblikata fil-pjan direzzjonali jew fil-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu. Din tippermetti lill-partijiet ikkonċernati kollha jikkummentaw fi stadju bikri u jħejju ruħhom għall-attivitajiet ta' konsultazzjoni aktar dettaljati li jsegwu. Il-konsultazzjonijiet u l-opportunitajiet ta' rispons kollha issa huma aċċessibbli permezz ta' portal uniku bbażat fuq l-internet (ara t-taqsima dwar "*Nikkontribwixxu għat-tfassil tal-liġijiet*"[61]).

L-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt jiddependu fuq konsultazzjoni ta' kwalità tajba mal-partijiet ikkonċernati u ġeneralment ikunu akkumpanjati minn konsultazzjoni pubblika bbażata fuq l-internet b'tul ta' 12-il ġimgħa bħala parti mill-istrateġija ta' konsultazzjoni. Għal inizjattivi ewlenin fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni, din tal-aħħar għandha l-għan li tikkonsulta bil-lingwi uffiċjali kollha u mill-inqas bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż f'każijiet oħrajn.

Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jipprovdu rispons dwar it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politika matul iċ-ċiklu kollu tal-politika. Permezz tas-sit web "*Nikkontribwixxu għat-tfassil tal-liġijiet*", il-partijiet ikkonċernati jistgħu:

Jipprovdu kummenti dwar il-pjanijiet direzzjonali u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu tal-Kummissjoni li jiġu ppubblikati fil-bidu nett ta' inizjattiva ġdida (matul perjodu ta' 4 ġimgħat);

Jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet pubbliċi li jakkumpanjaw inizjattivi ġodda jew evalwazzjonijiet tal-leġiżlazzjoni jew il-politiki eżistenti (ġeneralment matul perjodu ta' 12-il ġimgħa);

Jipprovdu kummenti dwar il-proposti adottati mill-Kummissjoni matul perjodu ta' 8 ġimgħat wara l-adozzjoni. Dawn jiġu aggregati mill-Kummissjoni u jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill; u

Jipprovdu kummenti dwar it-testi legali tal-abbozzi ta' atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni qabel il-finalizzazzjoni mill-Kummissjoni (matul perjodu ta' 4 ġimgħat);

Jipprovdu kummenti u suġġerimenti dwar kif tiġi ssimplifikata leġiżlazzjoni speċifika. Dawn is-suġġerimenti mbagħad jittellgħu fil-Pjattaforma REFIT, li tista' tadotta opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni.

Il-partijiet ikkonċernati kollha jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet bħal dawn u jistgħu jitolbu li jirċievu notifiki awtomatiċi meta jittellgħu d-dokumenti ġodda fuq is-sit web "*Nikkontribwixxu għat-tfassil tal-liġijiet*". Il-partijiet ikkonċernati jistgħu jissottomettu wkoll fehmiet u evidenza oħra lill-Kummissjoni lil hinn mill-proċessi ta' konsultazzjoni u mir-rispons formali.

**Evalwazzjoni u Idoneità Regolatorja**

Il-Kummissjoni tevalwa wkoll il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Hija tapplika l-prinċipju ta' "evalwa l-ewwel" sabiex il-funzjonament u l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni jiġu vverifikati qabel ma jsiru l-proposti sabiex tinbidel. Evalwazzjoni tivvaluta l-effettività, l-effiċjenza ekonomika, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE. Hija għandha tfittex li tara jekk il-leġiżlazzjoni tiffunzjonax kif previst u l-impatti mistennija li effettivament jimmaterjalizzaw.

Barra minn hekk, u bħala parti mill-Programm tal-Idoneità Regolatorja tal-Kummissjoni, ir-reviżjonijiet kollha tal-leġiżlazzjoni għandhom jinvestigaw sistematikament il-potenzjal li jiġu ssimplifikati u jitnaqqsu l-kostijiet mhux meħtieġa[62]. Pjattaforma REFIT, li tinkludi esperti mill-Istati Membri u s-soċjetà ċivili li jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar leġiżlazzjoni problematika megħjuna minn sit web, fejn il-partijiet ikkonċernati jistgħu jagħmlu l-ideat u l-esperjenzi tagħhom magħrufa[63].

[58] L-Artikolu 11(3) tat-TUE.

[59] https://ec.europa.eu/info/events/citizens-dialogues_mt

[60] https://ec.europa.eu/commission/consultation-future-europe_mt

[61] https://ec.europa.eu/info/law/contribute-law-making_mt

[62] COM(2017) 651: Ikkompletar tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar – Soluzzjonijiet aħjar għal riżultati aħjar: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/completing-the-better-regulation-agenda-better-solutions-for-better-results_en.pdf

[63] https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/refit-making-eu-law-simpler-and-less-costly/refit-platform_mt

**Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet**

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet daħal fis-seħħ f'April 2016[64]. Huwa bbażat fuq l-Artikolu 295 tat-TFUE u jistabbilixxi l-impenji tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar ħafna aspetti tat-tħejjija u tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-paragrafi 12 u 25 huma partikolarment rilevanti fir-rigward tal-iżgurar tar-rispett għas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità permezz tal-valutazzjonijiet tal-impatt u tal-preżentazzjoni tal-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni fil-memorandum ta' spjegazzjoni[53] li jakkumpanja l-proposti leġiżlattivi tagħha.

**Atti delegati**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill (bħala koleġiżlaturi tal-UE) jistgħu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta ċerti atti delegati li jissupplimentaw jew ibiddlu elementi mhux essenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Atti bħal dawn jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Kummissjoni Ewropea. L-użu tal-atti delegati huwa rregolat mill-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-Koleġiżlaturi għandhom is-setgħa ta' veto fuq kull att delegat individwali jew id-dritt li jirrevokaw l-għoti tas-setgħa fl-intier tiegħu.

Jistgħu jingħataw ukoll setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa l-kundizzjonijiet għal implimentazzjoni uniformi tal-atti tal-Unjoni. Dawn huma rregolati mill-Artikolu 291 tat-TFUE u jsegwu regoli dettaljati għat-tħejjija tagħhom miftiehma fid-dritt tal-Unjoni. Il-koleġiżlaturi għandhom ukoll is-setgħa li jirrifjutaw tali atti u l-esperti tal-Istati Membri huma involuti fit-tħejjija tagħhom permezz ta' kumitati xierqa li jinkludu rappreżentanti tal-Istati Membri.

It-tħejjija ta' kull att delegat hija rregolata mill-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet u tinvolvi l-esperti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Istati Membri. Il-proċessi ta' tħejjija huma trasparenti u jistgħu jiġu segwiti fuq reġistru interistituzzjonali ġdid tal-atti delegati[65]. Qabel jiġi adottat mill-Kummissjoni Ewropea, l-abbozz tal-atti delegati jitpoġġa fuq l-internet[66] sabiex il-partijiet interessati kollha jkunu jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha tista' temenda t-test b'rispons għat-tħassib tal-partijiet ikkonċernati. F'xi każijiet, l-atti delegati jistgħu jiġu appoġġjati wkoll minn valutazzjoni tal-impatt jew dokument simili mħejji minn aġenzija deċentralizzata li tgħin fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qegħdin jinnegozjaw fuq kriterji li jiddistingwu bejn l-użu ta' atti delegati u atti ta' implimentazzjoni. Din il-kwistjoni problematika tqum ta' spiss fin-negozjati bejn il-koleġiżlaturi fuq fajls leġiżlattivi individwali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għamlet proposti sabiex taġġorna l-korp tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-setgħat mogħtija li għadu mhuwiex konsistenti mar-rekwiżiti tal-Artikoli 290 u 291 introdotti mit-Trattat ta' Lisbona. Dan jindirizza s-setgħat mogħtija bl-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju.

64 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=OJ:L:2016:123:TOC

65 https://webgate.ec.europa.eu/regdel/#/home

66 https://ec.europa.eu/info/law/contribute-law-making_mt

# Anness IV Dokumenti ewlenin mill-membri tat-Task Force

## Dokumenti ta' diskussjoni mħejjija mis-segretarjat tat-Task Force

(1) Dokument ta' Sfond Nru 1: Informazzjoni relatata mal-ħidma tat-Task Force[67].

(2) Dokument ta' Sfond Nru 2: Regolamentazzjoni Aħjar[68].

(3) Dokument ta' diskussjoni Nru 1: Skambju inizjali ta' fehmiet dwar il-ħidma tat-Task Force[69].

(4) Dokument ta' diskussjoni Nru 2: Il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija u s-segwitu tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni[70].

(5) Dokument ta' diskussjoni Nru 3: L-applikazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tal-istituzzjonijiet[71].

(6) Dokument ta' diskussjoni Nru 4: Id-delega mill-ġdid tar-responsabbiltà politika u t-twassil tal-politiki b'mod aktar effiċjenti[72].

## Dokumenti ppreżentati mill-membri tat-Task Force

(7) Kontribuzzjoni tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Nagħmlu Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti". "Involviment aħjar tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tħejjija, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni"[73].

(8) Kontribuzzjoni minn Dr Reinhold Lopatka: Dokument ta' Ħidma għal-laqgħa fit-23 ta' Frar 2018: 'L-involviment tal-livelli lokali u reġjonali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE'[74].

(9) Kif tapplika aħjar il-prinċipju tas-sussidjarjetà u l-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà: Rakkomandazzjonijiet lit-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Nagħmlu Inqas b'mod Aktar Effiċjenti" abbażi tal-Kontribuzzjonijiet tal-Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għall-Affarijiet tal-Unjoni (COSAC)[75].

(10) Kontribuzzjoni tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Nagħmlu Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti". "Kif tapplika aħjar il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità"[76].

(11) Kontribuzzjoni minn Dr Reinhold Lopatka: Dokument ta' Ħidma għal-laqgħa fil-15 ta' Marzu 2018: 'L-applikazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fil-ħidma tal-istituzzjonijiet'[77].

(12) Kontribuzzjoni tal-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Nagħmlu Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti". Il-Għan (b): L-identifikazzjoni tal-oqsma ta' politika fejn it-teħid tad-deċiżjonijiet jew l-implimentazzjoni jistgħu jiġu ddelegati mill-ġdid, kompletament jew parzjalment, jew jiġu rritornati b'mod definittiv lill-Istat Membru[78].

(13) Kontribuzzjoni minn Dr Reinhold Lopatka: Dokument ta' Ħidma għal-laqgħa fis-27 ta' April 2018: 'Id-delega mill-ġdid tar-responsabbiltà politika u t-twassil tal-politiki b'mod aktar effiċjenti'[79].

(14) Kontribuzzjoni tal-LIX COSAC[80].

(15) Id-29 Rapport Biannwali tal-COSAC[81].

---

[67] https://ec.europa.eu/commission/publications/background-paper-no-1-information-related-work-task-force_en

[68] https://ec.europa.eu/commission/publications/background-paper-no-2-better-regulation_en

[69] https://ec.europa.eu/commission/publications/discussion-paper-no-1-idiscussion-paper-no-1-initial-exchange-views-work-task-force_en

[70] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/discussion-paper-2-taskforce-subsidiarity_en.pdf

[71] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/5-3-2018-2018-tf-discussion-paper-no3-institutional-work_en.pdf

[72] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/19-4-2018_-tf-discussion-paper-no4-redelegation-efficiency_en.pdf

[73] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/contribution-cor-taskforce-subsidiarity_en.pdf

[74] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/working-paper-lopatka-taskforce-subsidiarity_en.pdf

[75] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/subsidiarity_paper-cosac-recommendations_en.pdf

[76] https://ec.europa.eu/commission/publications/contribution-european-committee-regions-members-task-force-subsidiarity-and-proportionality-principles_en

[77] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/sg-2018-00573_en_0.pdf

[78] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/subsidiarity-task-force-cor-members-contribution-for-tf-meeting-on-27-april-2018_en.pdf

[79] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/sg-2018-00573_en.pdf

[80] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/contribution-lix-cosac-18-06-2018_en.pdf

[81] https://parleu2018bg.bg/upload/2702/29+Bi-Annual+Report+EN.pdf

# Anness V Valutazzjoni komuni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

## Task Force dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u "Nagħmlu Inqas b'Mod Aktar Effiċjenti"
## Mudell ta' grilja għall-valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità matul iċ-ċiklu kollu tal-politika.

| | |
|---|---|
| Istituzzjoni* | |
| Titolu tal-proposta jew tal-inizjattiva | |
| Referenza/i Istituzzjonali | |

### L-iskop u spjegazzjoni ta' din il-grilja ta' valutazzjoni

*Din il-grilja għandha l-għan li tipprovdi approċċ komuni u konsistenti għall-valutazzjoni tal-konformità ta' proposta jew inizjattiva partikolari mal-prinċipji, ibbażati fuq it-Trattat, tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Hija maħsuba sabiex tintuża mill-Kummissjoni Ewropea meta tibda l-proposti tagħha, mill-Parlamenti nazzjonali meta jkunu qed iħejju l-opinjonijiet motivati tagħhom skont il-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bħala l-leġiżlaturi tal-UE. Il-grilja hija maħsuba wkoll sabiex tintuża għal inizjattivi minn grupp ta' Stati Membri, talbiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, rakkomandazzjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew u talbiet mill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi (l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 2)*

*Il-prinċipju tas-sussidjarjetà jgħin sabiex jiġi ddeterminat jekk huwiex ġustifikat li l-Unjoni taġixxi fil-kompetenzi kondiviżi jew ta' sostenn li ngħatat skont it-Trattati jew jekk huwiex aktar xieraq li l-Istati Membri jaġixxu fil-livelli lokali, reġjonali jew nazzjonali. Iż-żewġ aspetti kumulattivi tan-**neċessità tal-UE** u l-**valur miżjud tal-UE** għandhom jiġu ssodisfati biex jiġi ssodisfat it-test tas-sussidjarjetà. Dawn huma spjegati aktar 'l isfel.*

*Il-prinċipju tal-proporzjonalità jgħin sabiex jiġi żgurat li l-intensità tal-obbligi leġiżlattivi jew l-approċċ ta' politika jkunu jaqblu mal-objettivi maħsuba tal-politika jew tal-leġiżlazzjoni. Dan ifisser li l-kontenut u l-forma ta' azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi maħsuba.*

*Il-valutazzjonijiet tal-impatt imħejjija mill-Kummissjoni Ewropea sabiex jappoġġjaw il-proposti tagħha se jinkludu valutazzjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Barra minn hekk, kull proposta tal-Kummissjoni se tkun akkumpanjata minn memorandum ta' spjegazzjoni li jippreżenta wkoll il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, minħabba li dan huwa rekwiżit tal-Protokoll Nru. 2 tat-TFUE flimkien mar-rekwiżiti li ssir konsultazzjoni wiesgħa qabel jiġi propost att leġiżlattiv u sabiex titqies id-dimensjoni lokali u reġjonali tal-azzjoni prevista.*

*Filwaqt li din il-grilja ta' valutazzjoni tindirizza biss is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, kull istituzzjoni li tużaha hija libera li żżid elementi li huma utli għall-proċessi u għall-prijoritajiet interni tagħhom stess. Pereżempju, il-grilja tista' tiġi adattata sabiex tinkludi valutazzjoni tal-użu mill-Kummissjoni ta' strumenti għal regolamentazzjoni aħjar jew tal-aspetti politiċi tal-proposti tal-Kummissjoni.*

** Mhux il-mistoqsijiet kollha f'dan il-mudell tal-grilja ta' valutazzjoni huma rilevanti għall-istituzzjonijiet kollha.*

| 1. L-Unjoni tista' taġixxi? X'inhuma l-bażi ġuridika u l-kompetenza tal-azzjoni maħsuba tal-Unjoni? |
|---|
| **1.1 Liema artikoli tat-Trattat jintużaw sabiex jappoġġjaw il-proposta leġiżlattiva jew l-inizjattiva tal-politika?** |
| |
| **1.2 Il-kompetenza tal-Unjoni rrappreżentata minn dan l-artikolu tat-Trattat hija esklussiva, kondiviża jew ta' sostenn fin-natura tagħha?** |
| |
| *Is-sussidjarjetà ma tapplikax għal oqsma ta' politika fejn l-Unjoni għandha kompetenza **esklussiva** kif definit fl-Artikolu 3 tat-TFUE. Hija l-bażi ġuridika speċifika li tiddetermina jekk il-proposta taqax taħt il-mekkaniżmu għall-kontroll tas-sussidjarjetà. L-Artikolu 4 tat-TFUE jistabbilixxi l-oqsma fejn il-kompetenza hija kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u l-Artikolu 6 tat-TFUE jistabbilixxi l-oqsma li għalihom l-Unjoni għandha l-kompetenza biss li tappoġġja l-azzjonijiet tal-Istati Membri.* |

<table>
<tr><th colspan="2">2. Il-Prinċipju tas-Sussidjarjetà: Għaliex għandha tieħu azzjoni l-UE?</th></tr>
<tr><td colspan="2">2.1 Il-proposta tissodisfa r-rekwiżiti proċedurali tal-Protokoll Nru 2:<br>• Saret konsultazzjoni wiesgħa qabel ġie propost l-att?<br>• Hemm xi dikjarazzjoni ddettaljata b'indikaturi kwalitattivi u, fejn possibbli, kwantitattivi li jippermettu li ssir valutazzjoni ta' jekk l-azzjoni tistax tinkiseb bl-aħjar mod fil-livell tal-Unjoni?</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="2">2.2 Il-memorandum ta' spjegazzjoni (u kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt) li jakkumpanjaw il-proposta tal-Kummissjoni fihom ġustifikazzjoni adegwata rigward il-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà?</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="2">2.3. Abbażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt, l-objettivi tal-azzjoni proposta jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri weħidhom (il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE)?</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(a)</td><td>Hemm aspetti transnazzjonali/transfruntiera sinifikanti/apprezzabbli għall-problemi indirizzati? Dawn ġew ikkwantifikati?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(b)</td><td>L-azzjoni nazzjonali jew in-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE huma f'kunflitt mal-objettivi ewlenin tat-Trattat jew jagħmlu ħsara sinifikanti lill-interessi ta' Stati Membri oħrajn?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(c)</td><td>Sa liema punt l-Istati Membri għandhom il-kapaċità jew il-possibbiltà li jippromulgaw miżuri xierqa?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(d)</td><td>Kif ivarjaw il-problema u l-kawżi tagħha (pereż. esternalitajiet negattivi, effetti konsegwenzjali) bejn il-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali tal-UE?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(e)</td><td>Il-problema hija mifruxa madwar l-UE jew limitata għal ftit Stati Membri biss?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(f)</td><td>Huwa mistenni wisq mill-Istati Membri biex jilħqu l-objettivi tal-miżura ppjanata?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(g)</td><td>Kif ivarjaw il-fehmiet/l-azzjonijiet ippreferuti tal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali madwar l-UE?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td colspan="2">2.4 Abbażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt, l-objettivi tal-azzjoni proposta jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni minħabba l-iskala jew l-effetti ta' dik l-azzjoni (valur miżjud tal-UE)?</td></tr>
<tr><td colspan="2"></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(a)</td><td>Hemm xi benefiċċji ċari mill-azzjoni fil-livell tal-UE?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(b)</td><td>Hemm ekonomiji ta' skala? L-objettivi jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE (benefiċċji akbar għal kull kost ta' unità)? Il-funzjonament tas-suq intern se jitjieb?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(c)</td><td>X'inhuma l-benefiċċji tas-sostituzzjoni tar-regoli u l-politiki nazzjonali differenti b'approċċ ta' politika aktar omoġenju?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(d)</td><td>Il-benefiċċji tal-azzjoni fil-livell tal-UE jissuperaw it-telf ta' kompetenza tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali (lil hinn mill-kostijiet u l-benefiċċji tal-azzjoni fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali)?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
<tr><td rowspan="2">(e)</td><td>Ser ikun hemm ċarezza legali mtejba għal dawk li jkollhom jimplimentaw il-leġiżlazzjoni?</td></tr>
<tr><td></td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **3. Proporzjonalità: Kif għandha taġixxi l-UE** | |
| **3.1. Il-memorandum ta' spjegazzjoni (u kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt) li jakkumpanjaw il-proposta tal-Kummissjoni fihom ġustifikazzjoni adegwata rigward il-proporzjonalità tal-proposta u dikjarazzjoni li tippermetti li ssir il-valutazzjoni tal-konformità tal-proposta mal-prinċipju tal-proporzjonalità?** | |
| | |
| **3.2 Abbażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt u l-informazzjoni disponibbli minn kwalunkwe valutazzjoni tal-impatt, il-memorandum ta' spjegazzjoni jew sorsi oħrajn, l-azzjoni proposta hija mod xieraq sabiex jintlaħqu l-objettivi maħsuba?** | |
| | |
| (a) | L-inizjattiva hija limitata għal dawk l-aspetti li l-Istati Membri ma jistgħux jilħqu b'mod sodisfaċenti weħidhom u fejn l-Unjoni tista' tagħmel aħjar? |
| | |
| (b) | Il-forma ta' azzjoni tal-Unjoni (għażla tal-istrument) hija ġustifikata, sempliċi kemm jista' jkun u koerenti mal-kisba sodisfaċenti u l-iżgurar tal-konformità mal-objettivi segwiti (pereż. għażla bejn regolament, direttiva (qafas), rakkomandazzjoni, jew metodi regolatorji alternattivi bħal koregolament, eċċ.)? |
| | |
| (c) | L-azzjoni tal-Unjoni tħalli kemm jista' jkun ambitu għal deċiżjoni nazzjonali, filwaqt li tilħaq b'mod sodisfaċenti l-objettivi stabbiliti? (pereż. huwa possibbli li l-azzjoni Ewropea tiġi limitata għal standards minimi jew li jintuża approċċ jew strument ta' politika inqas strett?). |
| | |
| (d) | L-inizjattiva toħloq kost finanzjarju jew amministrattiv għall-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet lokali jew reġjonali, l-operaturi ekonomiċi jew iċ-ċittadini? Dawn il-kostijiet huma proporzjonati mal-objettiv li għandu jintlaħaq? |
| | |
| (e) | Filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt tal-Unjoni, ittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi speċjali li japplikaw fi Stati Membri individwali? |
| | |

# Anness VI Kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati li jissuġġerixxu li jsir rieżami tal-leġiżlazzjoni u tal-proposti

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| Il-membri tat-Task Force mill-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni | • **Regoli tal-kompetizzjoni:** Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEIs) u l-kumplessità tar-regoli għall-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipprovdu servizzi.<br>• **Il-politika tal-kompetizzjoni** (Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat): Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1407/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.<br>• **L-enerġija:** L-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u s-swieq tal-elettriku, inklużi pjanijiet dwar il-klima u l-enerġija b'rabta mar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u r-rispett għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.<br>• **L-ambjent**: Simplifikazzjoni potenzjali tal-monitoraġġ u r-rapportar skont il-leġiżlazzjoni ambjentali sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq l-awtoritajiet pubbliċi.<br>• **L-ambjent**: Aktar flessibbiltà għall-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali.<br>• **Regoli tal-akkwist pubbliku:** Il-kumplessità mhux meħtieġa potenzjali kkawżata mill-inklużjoni ta' kriterji "ekoloġiċi", soċjali u innovattivi fl-akkwist pubbliku.<br>• **It-trasport**: Hija meħtieġa kunsiderazzjoni akbar tar-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fir-rigward tal-liberalizzazzjoni tas-servizzi tal-kowċ u tax-xarabank u tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.<br>• **Is-suq intern għas-servizzi:** Il-ħtieġa potenzjali li tiġi ssimplifikata u prevista flessibbiltà akbar fir-regoli għall-provvista ta' servizzi fis-suq intern. Pereżempju, fir-rigward tal-proċedura ta' notifika, l-e-Card Ewropea tas-servizzi u t-test tal-proporzjonalità għall-professjonijiet irregolati.<br>• **Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (VAT): Is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-VAT għall-SMEs, b'mod partikolari għat-tranżazzjonijiet transfruntiera.<br>• **Il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja**: Il-migrazzjoni: L-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jista' jisfrutta aħjar bosta programmi ta' finanzjament li jappoġġjaw l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetà.<br>• **Is-Semestru u l-Politika ta' Koeżjoni**: Il-ħtieġa possibbli li jiġu ssimplifikati r-regoli dwar l-eliġibbiltà u l-infiq fid-dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi: COM(2018) 375.<br>• **Il-politika ta' koeżjoni**: Il-ħtieġa possibbli li tiġi kkunsidrata simplifikazzjoni akbar u li jkun rifless ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.<br>• **Ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-ispazju**: Il-ħtieġa potenzjali li jiġu ssimplifikati r-regoli għall-benefiċjarji.<br>• **Il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar (PKS):** Il-ħtieġa possibbli li jiġu inklużi d-dimensjonijiet territorjali u soċjoekonomiċi tal-politiki strutturali fil-Politika Komuni tas-Sajd.<br>• **Politika Agrikola Komuni (PAK):** Il-ħtieġa potenzjali li jiġu ssimplifikati r-regoli ta' finanzjament u li dawn isiru aktar proporzjonati. |

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| Dr Lopatka (membru tat-Task Force) | • **L-ambjent**: Il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tan-natura. Tista' tiġi kkunsidrata flessibbiltà akbar għall-awtoritajiet nazzjonali biex jikklassifikaw l-istatus protett bil-għan li jkunu jistgħu jirrispondu għall-bidliet naturali fl-ambjent.<br>• **It-trasport:** vetturi nodfa (akkwist): Il-lista ta' "teknoloġiji nodfa" fl-Anness I għall-Proposta għal Direttiva dwar il-promozzjoni ta' vetturi tat-trasport bit-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija ma tinkludix il-bijogass, li huwa sors ta' enerġija u fjuwil tat-triq f'diversi Stati Membri.<br>• **Il-liġi ċivili ġenerali:** Għandu jitwettaq rieżami tal-acquis tal-Unjoni fl-isfera tal-liġi ċivili mill-perspettiva tas-sussidjarjetà.<br>• **Il-ħarsien tal-konsumatur**: Id-Direttiva 2011/83/UE dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur hija kumplessa żżejjed u jistgħu jiġu kkunsidrati approċċi aktar proporzjonati.<br>• **Il-ħarsien tal-konsumatur:** Jistgħu jiġu kkunsidrati regoli aktar proporzjonati għar-Regolament (KE) Nru 2017/2394 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.<br>• **Il-ħarsien tal-konsumatur**: Ir-Regolament (UE) Nru 2018/302 dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u forom oħrajn ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, tal-post tar-residenza jew tal-post tal-istabbiliment tal-klijenti fi ħdan is-suq intern ipoġġi piżijiet sproporzjonati fuq in-negozji.<br>• Il-ħarsien tal-konsumatur: Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2017/2158 dwar it-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid f'ċerti oġġetti tal-ikel fih dispożizzjonijiet potenzjalment sproporzjonati.<br>• **Il-ħarsien tal-konsumatur**: Il-proposta għal direttiva dwar il-bejgħ tal-oġġetti (COM(2017) 637) għandha tikkunsidra approċċi aktar proporzjonati minflok skema ta' garanzija armonizzata b'mod sħiħ.<br>• **Il-politika soċjali**: Il-proposta għal direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw għandha tiġi eżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM(2017) 253).<br>• **It-trasport**: Il-proposta għal direttiva dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi għandha tiġi eżaminata mill-perspettivi tar-reġjuni meta jkunu meħtieġa nollijiet ibbażati fuq id-distanza (COM(2017) 275).<br>• **Is-Suq Uniku**: Il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċedura li permezz tagħhom il-Kummissjoni tista' titlob lil impriżi u lil assoċjazzjonijiet ta' impriżi jipprovdu l-informazzjoni relatata mas-suq intern u ma' oqsma relatati tista' tiġi eżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM(2017) 257).<br>• **Is-Suq Uniku**: Il-proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' prodotti kummerċjalizzati legalment fi Stat Membru ieħor tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM(2017) 796).<br>• **Is-Suq Uniku:** Il-proposta għal regolament li jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM(2017) 795).<br>• **Is-Suq Uniku:** Il-proposta għal direttiva li tistabbilixxi dritt individwali ta' rimedju skont id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Inġusti tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM(2018) 173).<br>• **Is-Suq Uniku**: Il-proposta għal direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolament ġdid tal-professjonijiet tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM (2016) 822).<br>• **Ir-regoli finanzjarji:** Il-proposta għal Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS) tista' tiġi rieżaminata mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u tat-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali (COM (2015) 586).<br>• **Il-politika tat-tassazzjoni**: Il-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud (COM(2018) 20) tista' terġa' tiġi rieżaminata bil-għan li tiġi estiża l-flessibbiltà għall-Istati Membri sabiex jistabbilixxu r-rati tal-VAT.<br>• **Il-politika tat-tassazzjoni:** Il-proposta għal direttiva dwar l-armonizzazzjoni tal-bażi komuni għat-taxxa korporattiva (COM(2016) 685) għandha tiġi rieżaminata sabiex jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni hijiex meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern u jekk hijiex qiegħda tintuża l-bażi ġuridika xierqa.<br>• **Il-politika agrikola komuni:** Ir-rieżami li għaddejj għandu jikkunsidra l-ħtieġa għal simplifikazzjoni tar-regoli ta' finanzjament. |

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| Il-Gvern Daniż (dokument informali) | • In-neċessità għal azzjoni tal-UE għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid fil-proposta tal-Kummissjoni rigward Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-borża (COM/2012/0614).<br>• Id-Direttiva proposta dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata (COM/2017/0253) tista' tikkunsidra aħjar iċ-ċirkostanzi u l-approċċi nazzjonali differenti.<br>• Il-proposta għal Regolament dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank (COM/2017/0647) tista' tiġi kkunsidrata mill-ġdid mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u s-suffiċjenza tal-azzjoni nazzjonali.<br>• Il-proposti għal Regolamenti tal-UE dwar l-Ilma (COM(2017) 753) jistgħu jikkunsidraw aħjar id-differenzi reġjonali u nazzjonali.<br>• Id-Direttiva dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (COM/2015/0615) tista' tirrifletti aħjar l-approċċi nazzjonali għal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam.<br>• L-istandards minimi għall-idoneità fiżika u mentali għas-sewqan (l-Anness 3 tad-Direttiva 2006/126/KE) huma potenzjalment kumplessi u burokratiċi żżejjed.<br>• Ir-regoli għal regolament dwar il-Privatezza elettronika speċifika għas-settur (COM/2017/010) huma possibbilment kumplessi żżejjed u jikkoinċidu mar-regoli ġenerali dwar il-privatezza tad-*data*.<br>• Jeħtieġ li tiġi kkunsidrata s-simplifikazzjoni tar-regoli li jirregolaw il-Politika Agrikola Komuni (PAK). |

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| Il-Gvern Ġermaniż (dokument informali) | • Ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati għall-emendar tat-Trattat tal-Komunità tal-Enerġija (dokument ristrett COM/2017/5751): tista' tiġi kkunsidrata mill-ġdid minn perspettiva ta' sussidjarjetà.<br>• Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali (COM/2017/660): nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt, minkejja l-impatti ekonomiċi sinifikanti u l-estensjoni proposta tad-drittijiet u l-obbligi reċiproċi.<br>• Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (COM/2017/0309): nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt minkejja r-riskji li "rescEU" tmur lil hinn mill-koordinazzjoni u l-ikkomplementar tal-missjonijiet.<br>• Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank (COM/2017/647) u l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (COM/2017/648): jistgħu jiġu riveduti mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u l-impatt sinifikanti tagħha fuq it-traffiku domestiku (mhux transfruntier).<br>• Kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali: tista' tiġi riveduta mill-perspettiva tas-sussidjarjetà. B'mod partikolari għall-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu u li temenda d-Direttiva 2009/101/KE (COM/2016/450); u l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-frodi u l-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/ĠAI (COM/2017/489).<br>• Id-determinazzjoni ta' dispożizzjonijiet kriminali u penali speċifiċi fid-dritt tal-Unjoni: L-Istati Membri għandu jkollhom aktar flessibbiltà sabiex jiddeterminaw dawn id-dispożizzjonijiet (pereż. Patt Ġdid għall-Konsumaturi, COM/2018/183, COM/2018/185 u COM/2018/184)<br>• Il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea (COM/2017/478 u COM/2017/479): tista' tiġi riveduta mill-perspettiva tas-sussidjarjetà billi l-proposti jinkludu wkoll ħaddiema taċ-ċivil, imħallfin u suldati li jaqgħu taħt kompiti oriġinarjament nazzjonali.<br>• Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (COM/2017/481): id-dispożizzjonijiet proposti dwar l-informazzjoni dwar il-bilanċ bejn is-sessi fuq is-siti web kellhom impatt fuq is-siti web tal-partijiet nazzjonali. Iżda dan ġie rivedut matul it-trilogu.<br>• Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/543 tat-22 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-suġġetti u tal-kategorizzazzjonijiet tagħhom (C(2017) 1728): li għandu jiġi rivedut minn perspettiva ta' sussidjarjetà, filwaqt li għandhom jitqiesu modi alternattivi ta' azzjoni.<br>• Standardizzazzjoni fil-kura tas-saħħa: tista' tiġi riveduta minn perspettiva ta' sussidjarjetà. Filwaqt li l-għan huwa li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-kura bejn l-Istati Membri, l-istandardizzazzjoni tista' twassal għal spejjeż ogħla u standards ta' kwalità mnaqqsa (pereż. Inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kanċer tas-Sider).<br>• Ir-regolamentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni, b'mod partikolari fil-liġi ċivili u kummerċjali: riskju ta' regolamentazzjoni eċċessiva b'piż amministrattiv, speċjalment fuq l-SMEs (pereż. Portal Diġitali Uniku, COM/2017/256).<br>• Is-Semestru Ewropew: riskju li jmur lil hinn mill-kompetenza tal-UE. L-enfasi għandha tkun fuq il-politika ekonomika u fiskali. Iżda enfasi dejjem akbar fuq is-saħħa u l-kura fl-Istati Membri għandha tiġi riveduta fid-dawl tal-kompetenza primarja tal-Istati Membri għall-politika tal-kura tas-saħħa.<br>• Pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali: riskju li jmur lil hinn mill-kompetenza tal-UE. Attenzjoni speċjali għas-sussidjarjetà u għall-proporzjonalità fit-traspożizzjoni tal-pilastru soċjali fis-settur tal-kura tas-saħħa.<br>• Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE (COM/2018/51): li għandha tiġi riveduta minn perspettiva ta' sussidjarjetà minħabba li l-proposta tinterferixxi fil-kompetenzi tal-Istati Membri għall-kura tas-saħħa. |

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| | • L-akkwist pubbliku: għandu jiġi rieżaminat minn perspettiva ta' sussidjarjetà minħabba li xi rekwiżiti minn ċerti atti settorjali jinterferixxu fil-prerogattiva tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-oġġett tal-akkwist (pereż. l-effiċjenza enerġetika COM/2016/761 u d-Direttiva dwar il-vetturi nodfa COM/2017/653).<br>• Atti delegati: jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'aktar reqqa l-aspetti tas-sussidjarjetà fl-atti delegati. Pereżempju, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 3/2014 tal-24 ta' Ottubru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza funzjonali tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (l-anness XV nru. 4.2.2 fih rekwiżiti għal tajers M/S li jistgħu jiġu ddeterminati aħjar mill-Istati Membri skont il-kundizzjonijiet lokali speċifiċi. Jew ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/208 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tas-sikurezza funzjonali tal-vetturi għall-approvazzjoni ta' vetturi għall-agrikoltura u l-forestrija (C/2018/863): iż-żieda proposta tal-wisa' massima tal-vetturi agrikoli mhijiex kompatibbli mal-infrastruttura Ġermaniża. Dawn il-mistoqsijiet bħalissa huma diskussi fil-kuntest tal-pakkett "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha". |
| Il-gvern Ungeriż | • Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili tista' tħares b'mod ġenerali lejn l-effiċjenza tal-leġiżlazzjoni, il-ħtieġa għall-armonizzazzjoni tar-regoli proċedurali u l-kunsiderazzjoni ta' kuntatt akbar bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ir-Regolamenti Nru. 662/2009 u Nru. 664/2009)<br>• Il-Proposta dwar ir-Regolament tas-Suċċessjoni (UE) Nru 650/2012 tista' tirrifletti aħjar is-sitwazzjonijiet differenti tal-Istati Membri.<br>• Għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-użu ta' direttivi minflok Regolamenti dwar il-konfiska u l-evidenza elettronika (COM(2018) 225).<br>• Il-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (COM/2017/0797).<br>• Il-Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (COM/2017/0253) tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.<br>• Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol (COM/2018/0131) tista' tiġi riveduta mill-perspettivi tas-sussidjarjetà.<br>• Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (COM(2018) 132) tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. |

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| WKÖ (Il-Kamra Ekonomika Federali Awstrijaka) | • Fil-qasam tal-politika ta' Koeżjoni, tista' tingħata aktar responsabbiltà lill-awtoritajiet nazzjonali rigward l-implimentazzjoni.<br>• Il-Politika tal-Kompetizzjoni (Għajnuna mill-Istat): Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1407/2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*.<br>• Proposta għal Direttiva dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet (COM(2016) 822).<br>• Il-Proposta għal Għodda ta' Informazzjoni għas-Suq Uniku (SMIT) (COM(2017) 257) tista' tiġi rieżaminta mill-perspettiva tan-neċessità ta' azzjoni tal-UE.<br>• Il-Proposta għal Regolament dwar l-indirizzar tal-imblukkar ġeografiku (COM(2016) 289) tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.<br>• Il-Proposta għal Regolament sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (COM(2015) 586) tista' tiġi rieżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà.<br>• Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2158 għat-tnaqqis tal-preżenza tal-akrilammid fl-ikel jista' jiġi eżaminat sabiex jiġi vverifikat jekk Rakkomandazzjoni tkunx aktar proporzjonata.<br>• Il-proposta għal Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw (COM(2017) 253) tista' tiġi rieżaminata biex jiġu eżaminati l-kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà.<br>• Il-Bażi Komuni għat-Taxxa Korporattiva (COM(2016) 685) tiġi rieżaminata sabiex jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni hijiex meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern u jekk hijiex qiegħda tintuża l-bażi ġuridika xierqa.<br>• Id-Direttiva 2011/83/UE dwar id-Drittijiet tal-Konsumaturi tista' tiġi rieżaminata mill-perspettiva tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għal ċerti kuntratti ('il barra mill-post tan-negozju).<br>• Il-proposta għal Direttiva dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ tal-oġġetti (COM(2017) 637) għandha tikkunsidra approċċi aktar proporzjonati minflok skema ta' garanzija armonizzata b'mod sħiħ.<br>• Is-sanzjonijiet madwar l-UE kollha rigward il-ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi (COM/2018/0185) jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.<br>• Toroq tan-Negozju taħt l-Istrument ta' Sħubija - ċerti aspetti tad-Diplomazija Ekonomika Ewropea (SEAE) – l-appoġġ tan-negozji għandu jiġi eżaminat mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u tal-kompetenzi tal-Istati Membri. |
| Insurance Europe | • Il-proposta għal Għodda ta' Informazzjoni għas-Suq Uniku (SMIT) (COM(2017)257) għandha terġa' tiġi eżaminata minħabba tħassib dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.<br>• Ir-rieżami tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej (inkluża l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, EIOPA) tqajjem tħassib dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (COM(2017)536).<br>• L-e-Card tas-servizzi (COM(2016) 824 finali) tqajjem tħassib dwar il-proporzjonalità tal-impatti tagħha fuq il-fornituri tal-assigurazzjoni. |
| Il-Bord tal-Industrija u l-Kummerċ Svediżi għal Regolamentazzjoni Aħjar (NNR) | • Simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT u r-regoli għall-fatturi (id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/UE) sabiex tirrifletti t-tħassib tal-SMEs.<br>• Id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (UE) 2015/2366 (PSD 2).<br>• ASE (Awtoritajiet Superviżorji Ewropej) COM(2017)536.<br>• Ir-riskji għall-bdiewa minn ħlasijiet tard għandhom jiġu vvalutati bil-ħsieb ta' kumpens għal ħlasijiet tard fl-Artikolu 75 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014.<br>• Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jistgħu jiġu ssimplifikati fir-rigward tal-użu tal-għajnuna għall-investiment skont ir-regolament dwar l-Iżvilupp Rurali.<br>• Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 jista' jiġi rieżaminat sabiex jittaffew ir-riskji li l-annimali bovini jiġu skwalifikati minn skemi ta' appoġġ wara l-bejgħ u formalitajiet tar-reġistrazzjoni żbaljati. |

| Parti kkonċernata/ kontributur | Att leġiżlattiv, qasam ta' politika jew proposta leġiżlattiva |
|---|---|
| Der Zentralverband des Deutschen Handwerks (ZDH) | • Għandha tingħata kunsiderazzjoni għal jekk hemmx bżonn ta' leġiżlazzjoni ġdida fis-suq intern għas-servizzi minħabba li diġà jeżistu regoli komprensivi (pereż. id-Direttiva 2006/123/KE għal approvazzjonijiet u rekwiżiti oħrajn rigward l-istabbiliment).<br>• Id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għandha tiġi riveduta mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri.<br>• Il-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) għandu jiġi eżaminat mill-perspettiva tas-sussidjarjetà u l-kompetenzi tal-Istati Membri.<br>• L-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-politika soċjali għandha tiġi eżaminata mill-perspettivi tas-sussidjarjetà u l-awtonomija tal-Istati Membri (pereż. id-Direttiva 2003/88/KE dwar il-Ħin tax-Xogħol, id-Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità u d-Direttiva dwar l-Impjieg ta' Ħaddiema (COM(2016) 128)).<br>• Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li japplikaw għall-SMEs jistgħu jiġu eżaminati bil-għan li jiġu magħmula aktar proporzjonati, pereżempju, fir-rigward tal-għajnuna *de minimis* (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014).<br>• Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-infrastrutturi tal-ETV jistgħu jiġu ssimplifikati sabiex iqisu aħjar iċ-ċirkostanzi nazzjonali. |
| Johannes Maier, Membru tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Sussidjarjetà fi ħdan il-KtR; Kap tal-Unità ta' Koordinazzjoni tal-UE, l-Uffiċċju tal-Gvern Reġjonali ta' Carinthia | • Tista' tiġi kkunsidrata wkoll nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni.<br>• L-Unjoni għandha tillimita ruħha li titlob strateġiji reġjonali/transfruntieri fil-qasam tal-kooperazzjoni territorjali u l-iżvilupp taż-żoni rurali.<br>• L-infurzar tad-drittijiet tal-protezzjoni tal-konsumaturi bi proċeduri ta' ksur u multi għandha terġa' tiġi kkunsidrata minħabba li din hija kompetenza ta' Stat Membru. |
| Il-Kanċellerija tal-Istat tal-Bavarja - Sussidjarjetà u kompetenzi | • Bażijiet ġuridiċi problematiċi tat-Trattat (l-Artikoli 114, 153, 192, 194, 113, 79, 196 dwar is-suq uniku, il-politika soċjali, l-ambjent, l-enerġija, it-taxxi indiretti, il-politika dwar l-immigrazzjoni u l-protezzjoni ċivili)<br>• Attivitajiet eċċessivi fil-qasam tal-liġi kriminali (pereż. Prosekutur Pubbliku Ewropew)<br>• Limitazzjoni tal-attivitajiet ta' koordinazzjoni tal-liġi "mhux vinkolanti" (pereż. l-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali, il-protezzjoni soċjali, il-kultura u t-turiżmu).<br>• Rikors eċċessiv għall-atti delegati (pereż. fil-qasam tal-agrikoltura, l-Ewropa kreattiva, l-istatistika).<br>• Flessibbiltà għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE (Finanzjament strutturali u ta' investiment, il-Politika Agrikola Komuni).<br>• Obbligi ta' monitoraġġ u rapportar eċċessivi (pereż. COM(2017) 795 dwar l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni għall-prodotti; COM(2016) 822 dwar test tal-proporzjonalità għal regolamenti ġodda dwar il-professjonijiet; u servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, tabella ta' valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE). |
| Il-Kunsill Reġjonali ta' Calabria | • Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel jista' jiġi magħmul aktar proporzjonat billi jitqiesu d-differenzi u l-karatteristiċi reġjonali.<br>• Għandhom jiġu kkunsidrati inqas regolamentazzjoni u flessibbiltà akbar għall-Politika ta' Koeżjoni u l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej |

Design by SG.F5
Printed by OIB
Photos: © EC

| | | | |
|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-79-90633-6 | doi:10.2792/162074 | KA-03-18-100-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-79-90636-7 | doi:10.2792/84880 | KA-03-18-100-MT-N |